

# Dawl Franġiskan

DIĊEMBRU 2015 • IL-35 SENA • GHADD 355

NEWSPAPER POST • IISN 1811-5373

**Il-Festa tal-Festi**
Hekk kien iħobb isejjaħ San Franġisk lill-festa tal-Milied. L-għaxqa tiegħu jħares, jimmedita u jadura lil Ġesù tarbija fil-faqar f'Betlem. Infittxu li dak li kien jagħmel il-qaddis t'Assisi nagħmluh aħna wkoll. Issa u matul ħajjitna kollha.

*Il-Bambin Ġesù fil-knisja tal-Kappuċċini l-Furjana Milied 2013*





# Dawl Franġiskan
LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN


# Werrej


3 **Editorjal**
Żmien li nagħtu… Żmien li nirċievu

5 **Ġi.Fra**
Patricia Pace

6 **Il-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena ta' Alla**
Fr Mario Attard OFMCap (L-Ewwel parti)

8 **Mill-iskola ta' Padre Pio**
Fr Joe Buttigieg OFMCap

10 **Spiritwalità Franġiskana – Esperjenza**
Fr Ivan Scicluna OFMCap

13 **Poeżija**
Il-Kav. Joe M. Attard

14 **Il-Milied**
Joseph C. Camilleri

16 **Knisja: Ħajja, Ħidma u Aħbarijiet**
P. Silvestru Bonavia OFMCap

19 **Ittra miftuħa lil Ryan Dalli**

20 **Kapuċċini f'Malta**
Winston L. Zammit B.A. (Hons) P.G.C.E., M.A.

23 **Novella**
Emily Barbaro Sant

24 **Aħbarijiet tal-Provinċja**
Fr Publius Mair OFMCap Segretarju Provinċjali

28 **Werrej 2015**



**Bord Editorjali**

***Editur***
Fr Philip Cutajar OFMCap

***Amministratur***
Dorian Holland OFS

***Distributuri Malta***
Alfred Ebejer

***Distributuri Għawdex***
Pierre E. Buttigieg OFS

***Membri***
Joe Debattista GFF
Marija Zammit ĠI.FRA

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**

Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

***Telefown:*** 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

***Imejl:***
dawlfrangiskan@gmail.com

***IISN 1811-5373***

***Disinn u Stampar***
Best Print Co. Ltd
***Telefown:*** 2168 0789

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



***© Dawl Franġiskan 2015***
***Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini***



Ħlas tal-Abbonament:
€10.00 fis-sena.

Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni, u għandha tintbagħat lid-Direttur:

**Ċentru Missjoni Kapuċċini,**
**Il-Kunvent tal-Kapuċċini,**
**Il-Furjana – FRN1211**



EDITORJAL Fr Philip Cutajar OFMCap



# Żmien li nagħtu... Żmien li nirċievu

Ix-xahar ta' Diċembru huwa żmien fis-sena meta minħabba l-festi u ċ-ċelebrazzjonijiet li huma marbuta miegħu niġu mistiedna sabiex inkunu aktar ġenerużi mis-soltu fl-għajnuniet li nagħtu, speċjalment b'risq il-foqra, il-morda u persuni oħra fil-bżonn. Issa donna drajna li matul dan iż-żmien nistennew il-maratona tal-Istrina b'risq il-Community Chest Fund, nistennew ukoll il-maratona b'risq id-Dar tal-Providenza flimkien ma' diversi attivitajiet oħrajn ta' *fund raising*. Ma' dawn irridu wkoll inżidu l-ispejjeż li jkollna sabiex nagħtu r-rigali, nagħmlu xi ikla speċjali fil-familja u nżejnu d-dar tagħna minn ġewwa u anke minn barra. Dan kollu huwa f'postu. Ta' min ifaħħru u ta' min jinkoraġġih. Huwa żmien il-ġenerożità. Ilkoll nafu li m'għandniex inkunu ġenerużi biss għal dan iż-żmien tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena, imma s-sena kollha, ħajjitna kollha. Il-ġenerożità hija valur kbir fil-bniedem. Valur li tassew għandna bżonnu f'soċjetà ħafna drabi egoista u individwalista li ngħixu fiha llum.

## L-akbar att ta' ġenerożità



Meta qed nitkellmu mill-ġenerożità li nuru bħala Maltin u Għawdxin f'dan iż-żmien ma nistgħux ma naħsbux fl-akbar att ta' ġenerożità li sar darba fl-istorja tal-umanità. Qed nirreferi għal dak li ġara elfejn sena ilu, meta Alla, frott l-imħabba u l-ġenerożità tiegħu, bagħat fid-dinja lill-Iben waħdieni tiegħu. Ġesù Kristu, f'ġest ta' ġenerożità kbira, ma stmerrx li minn Alla jsir bniedem għalina, jiftaqar minn kollox proprju għalina, sar bniedem bħalna f'kollox minbarra fid-dnub għalina, twieled fil-faqar tal-għar ta' Betlem għalina u twieled sabiex ikun jista' jkompli juri mħabbtu lejna meta b'ġenerożità kbira wasal biex ta saħansitra ħajtu għalina meta miet fuq is-salib.

Għalhekk jidher ċar li mhuwiex b'kumbinazzjoni li aħna fiż-żmien ta' Diċembru u l-bidu ta' Jannar niġu msejħa biex inkunu ġenerużi aktar mis-soltu. Importanti li dan nagħmluh b'dan il-motiv Nisrani u qaddis: biex nimitaw lil Dak li fil-ġenerożità kbira tiegħu sar bniedem għalina. Ma nħallux li l-ġenerożità tkun sempliċiment filantropika, drawwa, għax dejjem għamilna hekk jew għax kulħadd jagħmel hekk. Hu li ħabbna tant li sar bniedem bħalna u ta ħajtu għalina fuq is-salib; aħna min-naħa tagħna nfittxu li nagħtu dik ix-xi ħaġa minn tagħna, speċjalment lill-fqar, lill-morda u lill-batuti, għax fihom naraw lilu.

## X'inhi l-vera ġenerożità?

Hija attitudni tal-qalb. Hija sinjal ta' għotja u qadi lejn l-oħrajn. Hija espressjoni ta' ħelsien interjuri. Huwa valur prezzjuż u fl-istess waqt virtù li jagħmilna nixbhu lil Ġesù, li aħna msejħin biex nimxu warajH billi nimitawH. Valur għoli u kbir quddiem Alla u f'għajnejn il-bnedmin. Kemm hi sabiħa u ta' min iħeġġiġha dik l-attitudni li lill-bniedem



tagħmlu kapaċi joħroġ minnu nnifsu, mill-egoiżmu tiegħu, u jinfetaħ għall-oħrajn. Dan jagħmlu mhux biss għax jagħti l-flus... il-vera ġenerożità hija ferm aktar minn hekk. Dan il-valur jidher ukoll meta l-bniedem ikun kapaċi jpoġġi għad-dispożizzjoni tal-oħrajn dak li għandu, bħal ngħidu aħna l-kapaċitajiet tiegħu, it-talenti, l-ideat, il-ħin, l-enerġija. Il-vera ġenerożità titlob ukoll saħansitra li tagħti mhux biss dik ix-xi ħaġa li hi 'l barra minnek innifsek (flus, rigali, xogħol, eċċ.) imma wkoll li *tagħti lilek innifsek*. Fuq kollox dan hu li għamel Ġesù magħna. Mhux biss tana u tana ħafna, imma wkoll wasal għalih dak il-mument meta ta *lilu nnifsu għalina*. Forsi dan hu li qed insibuh ferm diffiċli? Tkun aktar faċli li tagħti xi ħaġa u teħles, imma kemm hu iebes li tasal biex tagħti lilek innifsek għall-oħrajn!

Meta tiġi biex tagħti jew tingħata frott il-ġenerożità tiegħek żomm f'moħħok u f'qalbek dawn il-kriterji: Alla ma jħarisx lejn il-*kwantità* imma aktar lejn il-*kwalità*; ma jarax *kemm tajt* iżda *kif tajt*... kemm dak li tajt tajtu mill-qalb. U wkoll Alla jħares lejn *għaliex tajtu* – jekk hux għal għajnejn in-nies jew biex tagħti glorja lilu. Il-ġid ma jagħmilx ħsejjes. U l-ħsejjes ma jagħmlux ġid. Alla ma jħarisx unikament lejn l-azzjoni imma aktar lejn l-intenzjoni.

## L-akbar rigal tal-Milied

Nemmen li l-akbar rigal li nistgħu nirċievu u nagħtu huwa:
L-akbar rigal li nistgħu *nirċievu* matul ix-xahar ta' Diċembru, speċjalment fil-jiem tal-Milied, diġà qiegħed hemm. M'għandniex bżonn ta' rigali ġodda jew differenti. Ir-rigal huwa dak *kbir* mogħti minn Alla l-Missier f'Ibnu Ġesù. Rigal li diġà ġie mogħti u jibqa' jingħata kuljum lilna lkoll. L-importanti issa huwa li nagħrfu l-valur u l-bżonn tiegħu, nifthu qalbna għalih, naċċettawh u napprezzawh. Nagħmluh iċ-ċentru tal-ħajja kollha tagħna.

L-akbar rigal li nistgħu nagħtu huwa li fuq l-eżempju ta' Ġesù nkomplu kuljum, f'kull waqt u ma' kulħadd, inkunu ġenerużi u ma niqfux nagħtu lilna nfusna bla ebda kundizzjoni jew interess. Alla jieħu gost b'min jagħti bil-ferħ, jagħti bil-qalb u mhux kontra qalbu jew fuq qalbu.



L-Aħwa kollha Minuri Kapuċċini flimkien mal-bord tar-rivista

**Dawl Franġiskan**

inwasslu lilkom, qarrejja u benefatturi, Milied mimli paċi u ġid.

ĠLFRA Patricia Pace



# It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu

Iż-żmien itir u ma jistenna lil ħadd! Filli għadna nibdew is-sena u filli wasalna biex nispiċċaw is-sena, u bħal dejjem tmiem is-sena jġib miegħu l-festa tal-Milied. Għal ħafna dan iż-żmien huwa żmien ta' ferħ, iżda għal uħud iġib diqa u dwejjaq minħabba li jista' jkun li f'dan iż-żmien ikunu ġarrbu t-telfa ta' xi ħadd għażiż għalihom.

Kif jgħaddi nofs Novembru nibdew naraw il-ħwienet imżejna bl-affarijiet tal-Milied, waqt li t-toroq tagħna jiġu mżejna bid-dwal ikkuluriti. In-nies jibdew iżejnu d-djar tagħhom u tibda tara l-bambini u anki xi stilel fit-twieqi mixgħulin. F'kelma waħda dan kollu flimkien mal-kant tal-għanjiet tal-Milied joħloq atmosfera unika f'pajjiżna.



Il-festi tal-Milied iġibu magħhom ix-xiri tar-rigali għall-familjari u l-ħbieb. Ikun hemm min jibda jaħseb fejn ser jagħmel l-ikla tal-Milied ma' dawk li huma għeżież għalih, jew fejn ser imur jiddeverti mal-kollegi tax-xogħol.

Iżda ma rridux ninsew li l-ikbar rigal li qatt stajna naqilgħu kien it-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Min jaf x'ferħ ħassew dawk ir-ragħajja meta l-anġli bdew ikantaw *'Gloria in Excelsis Deo'* u tawhom l-aħbar tat-twelid ta' Ġesù tarbija! Min jaf x'ferħ ħassew Marija u Ġużeppi meta raw lit-tarbija f'idejhom, u fl-istess ħin żgur li tnikktu għall-fatt li l-Iben t'Alla kellu jitwieled ġo għar, għax ħadd ma kellu wisa' għalih. Min jaf x'ferħ ħassew il-Maġi meta wara vjaġġ tant twil irnexxielhom jaslu fil-post fejn kien twieled is-Salvatur tad-dinja! Min jaf x'niket ħassew ommu u missieru meta kellhom jaħarbu ġewwa l-Eġittu għax Erodi ried joqtol lill-Messija!

Għalkemm l-affarijiet soċjali huma affarijiet sbieħ, madankollu ma rridux ninsew li l-Milied huwa festa reliġjuża. Mhuwiex biżżejjed li nfakkru t-twelid ta' Kristu, li ġara elfejn sena ilu. Irridu nħallu lil Kristu jitwieled fil-qalb tagħna biex il-Milied ikun ġie u għamel sens f'ħajjitna. Importanti ħafna li nagħmlu qrara tajba f'dan iż-żmien, u għal min huwa possibbli tkun ħaġa sabiħa wkoll li mmorru l-quddies ta' billejl. Tajjeb li f'dan iż-żmien naħsbu f'dawk in-nies li jinsabu weħidhom, jew fl-anzjani, u nsibu ftit tal-ħin biex niddedikawh lilhom.

Għalhekk ejja lkoll flimkien din is-sena nagħmlu l-festa tal-Milied festa qaddisa fejn inħallu lil Kristu jitwieled f'qalbna, u niffukaw iktar fuq l-ispiritwalità li tibqa' milli fuq l-affarijiet materjali li jgħaddu malajr.



IL-ĠUBLEW STRAORDINARJU TAL-ĦNIENA TA' ALLA
Fr Mario Attard OFMCap (L-Ewwel parti)



# IL-MESSAĠĠ TAL-ĦNIENA DIVINA fil-messaġġ ta' San Franġisk t'Assisi

*Proprju nhar it-Tlieta 8 ta' Diċembru 2015, bħala Knisja Kattolika sejrin nagħtu bidu għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena ta' Alla. Kien il-Papa Franġisku li nhar il-11 ta' April 2015, Vġili tat-II Ħadd tal-Għid jew festa tal-Ħniena Divina, mar jagħtina l-Bolla ta' Indizzjoni MISERICORDIAE VULTUS biex iħabbrilna s-Sena tal-Ħniena ta' Alla. Matul ix-xhur ta' din is-sena r-rivista* Dawl Franġiskan, *permezz ta' Huna Patri Mario Attard, Kapuċċin, sejra twasslilkom artiklu f'kull ħarġa. Dawn l-artikli sejrin jikkonċentraw fuq il-ħniena ta' Alla fl-ispiritwalità Franġiskana.*



Fil-krema taż-Żminijiet tan-Nofs it-tema tal-imħabba mimlija ħniena ta' Alla nsibuha wkoll fl-oażi Franġiskana. Fil-fatt il-moviment Franġiskan arrikkixxa sewwa r-riflessjoni tal-Knisja dwar il-Ħniena Divina. U dan wettqu b'mod mill-aktar speċjali.

Mill-*Ħajja ta' San Franġisk*, skont San Bonaventura (1217-1274) nafu li waħda mill-perfezzjonijiet li San Bonaventura ra tleqq fil-ħajja ta' San Franġisk kienet il-Ħniena Divina. Bonaventura jikteb hekk fid-daħla tal-bijografija tiegħu fuq il-Fqajjar t'Assisi:

"*Dehret il-grazzja ta' Alla Salvatur tagħna f'dawn l-aħħar jiem*" (cfr. Tit. 2, 11-13; Lhud 1, 2) fil-qaddej tiegħu Franġisku lil dawk kollha li huma tabilħaqq umli u jħobbu l-faqar imqaddes. Fih huma jqimu l-ħniena kotrana għall-aħħar ta' Alla, u mill-eżempju tiegħu jitgħallmu kif għandhom *iwarrbu l-ħażen u l-ġibdiet tad-dinja* (cfr. Tit. 2, 12), jgħixu fi qbil ma' Kristu u jkollhom għatx *għat-tama hienja* (cfr. Tit. 2, 3) b'xewqa ħerqana li ma tiġix nieqsa."

Aktar tard fl-istess xogħol San Bonaventura jgħidilna li waħda mill-intenzjonijiet ewlenin fit-talb ta' San Franġisk kienet li jitlob għall-ħniena t'Alla fuq id-dinja. Dan kien iwettqu permezz tal-passjoni ta' Ġesù Kristu.

"Meta l-bniedem ta' Alla kien isib ruħu waħdu u fil-kwiet erħilu jimla l-foresta bit-tnehid, l-art ixarrabha bid-dmugħ, iħabbat idejh fuq sidru u, qisu xi wieħed li sab hemmhekk moħba sigrieta, kien joqgħod jitkellem ma' Sidu. Hemm kien iwieġeb

lill-imħallef, kien jitlob lill-Missier u jiddjaloga ma' ħabibu. Hemm ukoll l-aħwa li kienu joqogħdu josservawh bil-qima, semgħuh jitlob bit-tnehid lil Alla biex fit-tjieba tiegħu jħenn għall-midinbin, u b'leħen għoli kien jibki l-passjoni tal-Mulej, bħallikieku kien qed jaraha tiġri dak il-ħin quddiem għajnejh" (*Legenda Maior Sancti Francisci*, Kapitlu 10, sezzjoni 4).

Aktar 'il quddiem, fil-bijografija tiegħu ta' San Franġisk, San Bonaventura jirrakkonta l-istorja ta' kif kliem Franġisku dwar il-Ħniena Divina kien qanqal qalb wieħed midneb li kellu qalbu iebsa daqs il-bronż għall-konverżjoni.

"Ġara wkoll, f'okkażjoni oħra, li waħda mara nobbli, mara devota lejn Alla, ġiet għand il-qaddis biex tkellmu dwar dak li kien qed iġegħelha ssofri ħafna, u titolbu rimedju. Żewġha kien raġel krudil għall-aħħar, u kien ifixkilha mis-servizz ta' Kristu. Talbet għalhekk lill-qaddis jitlob għalih biex Alla, fil-ħniena tiegħu, irattablu qalbu. Meta semagħha tgħid hekk qalilha: 'Mur bis-sliem, u bla ma tiddubita xejn stenna minn żewġek il-faraġ, li dalwaqt ser jagħtik.' U żied jgħidilha: 'Għidlu min-naħa ta' Alla u tiegħi li issa hu żmien il-ħniena, wara mbagħad żmien il-ħaqq.' Wara li berikha, dik il-mara marret lura lejn darha, sabet lir-raġel u qaltlu dak li kellha tgħidlu. *Niżel fuqu l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 10, 44) u minn bniedem qadim li kien bidlu fi bniedem ġdid, u ġiegħlu jweġibha *bil-ħlewwa kollha* (cfr. Ef. 4, 2) u jgħidilha: 'Sinjura, *ejja naqdu lill-Mulej u nsalvaw ruħna* (cfr. Ġoż. 22, 27; Ġen. 19, 19). Fuq il-parir ta' martu l-qaddisa għexu t-tnejn ħajja fis-safa għal ħafna snin, u t-tnejn marru lura għand il-Mulej fl-istess jum" (*Legenda Maior Sancti Francisci*, Kapitlu 11, sezzjoni 6).

Minn sorsi oħra nafu li l-messaġġ tal-Ħniena Divina kien ukoll fil-moħħ ta' San Franġisk waqt li kien qiegħed imut. F'bijografija li ġġib l-isem *Francis of Assisi: The Man Who Found Perfect Joy*, Michael de la Bedoyere jgħidilna kif San Franġisk, waqt li kien mixħut fl-art qiegħed imut, talab lil ħutu biex ikantaw miegħu l-*Għanja tal-Ħlejjaq* li hu kien kiteb lill-Ħallieq. Fra Elija, li kien bilqiegħda ħdejh, ma qabilx miegħu. Għalhekk qallu: "M'għandekx int tibqa' miġbur u sieket?" Imma Franġisku wieġbu: "O! Ħallini nifraħ fil-Mulej u meta nfaħħru fit-tbatijiet tiegħi, ġaladarba permezz ta' grazzja tal-għaġeb, inħossni tant magħqud mal-Mulej tiegħi li fl-għarfien tal-Ħniena tiegħu nista' ngħanni mill-ġdid" (p. 302). U meta l-Aħwa ġarrewh fuq friexu biex jara l-belt t'Assisi għall-aħħar darba, Franġisku talab minn qalbu din it-talba:

"Mulej, filwaqt li din il-belt fl-imgħoddi kienet post mgħammar bi rġiel ħżiena, issa qed nara li permezz tal-Ħniena kbira tiegħek, fiż-żmien it-tajjeb tiegħek, Int kont ħanin magħha. Ħafna aktar milli kont ma' bliet oħra. Int għażiltha biex tkun id-dar ta' dawk li jagħrfu u jsebbħu lill-Isem Qaddis tiegħek. Qed tagħti lid-dinja eżempju tajjeb ta' ħajja qaddisa, ta' tagħlim sħiħ u safi u ta' perfezzjoni evanġelika. Mela nitolbok, Mulej tiegħi Ġesù Kristu, Missier ta' kull ħniena, warrab l-ingratitudni tagħna u dejjem żomm f'moħħok il-ħniena kbira tiegħek, li l-belt tkun għal dejjem id-dar ta' dawk li tassew jafuk u jsebbħu l-isem imqaddes tiegħek għal dejjem ta' dejjem. Ammen." (paġni 315-316).

*Mulej, bħal Franġisku, għinni nibki ħtijieti, inħeġġeġ lill-oħrajn għal ħnientek sakemm jindmu, infaħħar ħnientek u nbierek lill-oħrajn permezz tagħha! Ammen.*



MILL-ISKOLA TA' PADRE PIO Fr Joe Buttigieg OFMCap

# Il-Kunventi Kapuċċini Mbierka bil-Preżenza ta' San Patri Piju

# Foggia – Sant'Anna

## Ftit Storja

Foggia hija l-belt kapitali tal-provinċja ċivili li ġġib l-istess isem. Tinsab fir-reġjun tal-Puglia fuq il-Lvant tal-peniżola Taljana. Il-qagħda tagħha, f'salib it-toroq ta' diversi kulturi, u l-bdil kummerċjali laqqmuha s-*silo* tal-Italja.

Il-bidu tal-istorja tagħha huwa fi Żmien il-Ħaġar, minn nies bdiewa li raw fl-art għammiela tagħha għajn ta' ħajja u ta' ġid. Il-fdalijiet ta' dan iż-żmien huma tas-seklu 4 q.K.

Din il-belt sfat vittma ta' ħafna gwerer, sakemm ġiet miknusa mill-Goti fis-sena 545 u damet f'din il-qagħda sal-1050.

Il-bini tal-knisja katidrali huwa marbut ma' leġġenda li tispiċċa bis-sejba ta' kwadru msejjaħ *Madonna dei Sette Veli*, li huwa mħares b'qima kbira fl-istess imsemmija knisja katidrali.

Minn dan iż-żmien 'il quddiem dawk li ħakmuha ħasbu biex ikabbruha u jagħnuha bil-glorja permezz ta' bini sabiħ, kif ukoll għarfu jkabbru l-agrikoltura tagħha, li għadha waħda importanti sal-lum, l-aktar fejn jidħol it-tadam.

Matul l-aħħar gwerra dinjija sfat il-mira ta' ħafna attakki mill-ajru, hekk li ġiet imfarrka għalkollox, bl-agħar attakki jkunu dawk tat-22 ta' Lulju u tad-19 t'Awwissu 1943.

Il-provinċja ċivili ta' Foggia tara mijiet u eluf ta' pellegrini, kemm mill-Italja stess u daqstant ieħor minn madwar id-dinja kollha, minħabba f'żewġ santwarji għeżież, dak tal-Għar ta' San Mikiel fuq Monte Sant'Angelo u dak l-ieħor ta' Padre Pio f'San Giovanni Rotondo.

## Il-Kunvent Kapuċċin Sant'Anna

Il-kunvent Kapuċċin Sant'Anna jinsab fid-djoċesi ta' Foggia. Ġie mwaqqaf fl-1882. Imma dan ma kienx propju l-bidu tal-miġja tal-patrijiet hawnhekk.

Il-patrijiet Minuri Kapuċċini waslu għall-ewwel darba Foggia fl-1579. Xi nobbli u nies importanti oħra tal-belt, bħalma kien Cola Zuccaro, ħejjew kunvent għall-patrijiet 'il barra mill-ħitan tal-belt (*fuor le mura*), fejn illum hemm park għall-familja.

Ħdejn il-kunvent kien hemm knisja żgħira tal-1611 iddedikata lil Santa Marija ta' Kostantinopli, li kienet ġiet imkabbra minħabba n-numru dejjem kbir ta' pellegrini li kienu jżuruha, l-aktar dawk mill-Abruzzo.

Il-patrijiet, anke jekk sa dan iż-żmien ma kellhomx ir-responsabiltà pastorali tan-nies, kellhom dejjem għal qalbhom il-foqra. Fl-1588, bl-approvazzjoni tal-awtoritajiet tal-post, waqqfu f'Foggia *Il Monte di Pietà* għall-foqra, billi talbu lil waħda armla sinjura, bla wlied, Rosa Del Vento, biex bil-ġid li kellha twaqqaf din l-opra ta' karità minflok li tagħtihom lill-kunvent.

Fl-1693, fuq stedina tal-Isqof ta' Troia, Mons. Antonio de Sangro, il-patrijiet wettqu missjoni popolari li kellha bħala predikatur lil Padre Antonio da Olivadi. Dakinhar, b'tifkira ta' din il-missjoni, kienu twaqqfu 7 slaleb fejn illum hemm il-ħajt tal-knisja li jġib propju l-isem *Tas-Slaleb*. Ġara li madwar dawn is-slaleb kienu nbnew kappelli żgħar li maż-żmien saru l-knisja tal-Kalvarju.

Fl-20 ta' Marzu 1731 kien sar terremot, u l-knisja tal-kunvent laqgħet fiha u għall-ħarsien tagħha kwadru mirakoluż imsejjaħ *Il Sacro Tavolo della Madonna dei Sette Veli*, minħabba li din il-knisja ma ġarrbitx ħsarat. Kien f'din l-istess knisja li l-Madonna dehret lin-nies ta' Foggia, li kienu jduru lejha biex jitolbuha.



Kien hemm żmien meta dan il-kwadru kien ġie meħud fil-knisja ta' San Ġwann Battista. Hawn ukoll baqgħet tidher il-Madonna. B'tifkira ta' dan, il-patrijiet Kapuċċini għadhom sal-lum jagħmlu purċissjoni b'dan il-kwadru.

Fl-1811, fi żmien is-saltna ta' Napuljun, il-kunvent Kapuċċin ta' Foggia sofra s-soppressjoni bħall-kunventi u l-monasteri kollha. Minħabba f'hekk il-patrijiet ħallew il-belt. Setgħu jerġgħu lura fl-1817, meta l-Borboni ħatfu f'idejhom is-saltna taż-Żewġ Sqallijiet (*il Regno delle Due Sicilie*).

Fl-1867 kellhom jerġgħu jgħaddu mill-martirju tas-soppressjoni tal-Ordnijiet reliġjużi, din id-darba mill-Gvern Taljan ta' dak iż-żmien. Il-Kapuċċini kellhom bilfors jitilqu. Il-kunvent u l-knisja kienu saru propjetà militari u użati bħala *barracks* għall-kavallerija.

Imma minkejja li s-soppressjoni ferrxet lill-patrijiet, dawn żammew ir-rabtiet tagħhom ma' Foggia, anzi xi wħud minnhom xtraw minn flushom id-dar ta' Giuseppe Milano, Duka ta' San Paolo dei Principi di San Nicandro, fi Triq Zingari, numru 18, li kienet qrib il-knisja tas-Slaleb. L-att nutarili sar minn Padre Francesco Maria minn Apricena, Ministru Provinċjal tal-Kapuċċini, fis-17 ta' Mejju 1882. Wara xi xhur ta' ħidma fiha, din id-dar ġiet mibdula f'kunvent. L-ewwel fraternità kienet immexxija minn Padre Donato Pontanio minn San Marco in Lamis. Dawk li marru jgħixu hemm ma kinux għadhom jistgħu jilbsu l-libsa ta' San Franġisk, imma kienu jilbsu bħall-qassisin djoċesani.

Wara ħafna tentattivi biex jerġa' jingħata lilhom il-kunvent il-qadim f'Porta San Severo, fuq parir tal-istess Padre Donato, il-patrijiet imxerrda 'l hawn u 'l hemm, mhux liebsa ċ-ċoqqa Kapuċċina, ħasbu biex jagħmlu talba lid-Duka ta' San Paolo u Prinċep ta' San Nicandro Garganico, li jagħtihom li jixtru bini msejjaħ *Palazzina*, li kien hemm, biex fih ikunu jistgħu jgħixu l-kariżma, l-ispiritwalità u l-missjoni tagħhom bħala fraternità.

Il-bejgħ tal-Palazzina sar lil Padre Donato u Padre Nicola, li allura saru s-sidien ta' din il-binja. Il-patrijiet Francesco Maria minn Apricena u Padre Gabriele minn San Nicandro, flimkien ma' oħrajn, għenu billi taw is-sehem tagħhom biex setgħet tinxtara u jsir il-kunvent tagħhom.

B'digriet tal-Ministru Ġeneral tal-Ordni, Padre Eusebio minn Ancona, dan il-kunvent kien sar iċ-ċentru tal-kunventi l-oħra, u allura kien joqgħod fih il-Provinċjal.

Ftit inqas minn 10 snin wara, grazzi għal xi benefatturi u l-ġenerożità ta' oħrajn, ġiet mibnija ħdejn il-kunvent il-knisja ta' Sant'Anna, li ġiet ikkonsagrata minn Mons. Salvatore Bella, Isqof ta' Foggia, 15-il sena wara, jiġifieri fis-16 ta' Marzu 1916.

Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija l-knisja ġiet milquta mill-bombi tal-għadu, imma fis-snin 50 sarulha t-tiswijiet li kellha bżonn.

Wara l-gwerra Mons. Farina u l-Provinċjal ta' dak iż-żmien ittentaw għalxejn biex jerġgħu jakkwistaw il-kunvent il-qadim u l-knisja ta' Santa Marija ta' Kostantinopli, anki jekk kienu sofrew ħafna ħsarat mill-gwerra.

Il-post fejn kien hemm il-kunvent illum huwa park magħmul mill-Kunsill ta' Foggia biex ifakkar il-250 sena mid-dehriet tal-Madonna dei Sette Veli.

Bejn is-snin 1986 u 1991 saru diversi xogħlijiet ta' restawr, kemm tal-kunvent kif ukoll tal-knisja. Dawk tal-knisja, li ilha parroċċa sa mill-1932, kienu riedu jsiru minħabba t-tibdil issuġġerit mir-Riforma Liturġika. L-artal ġie mbierek minn Mons. G. Casale.

### Patri Piju

Dan il-kunvent ġie mbierek bil-preżenza ta' Padre Pio, li wasal hawn fis-17 ta' Frar 1916, u dam sal-4 ta' Settembru. Matul dawn is-7 xhur kien jidher fuq tiegħu u ferħan mal-patrijiet l-oħra, minkejja li dejjem bid-deni u mħabbat mix-xitan, li kien jagħmel ħafna storbju.

Ir-raġuni ewlenija li għaliha Patri Piju kien mar Foggia kienet fuq talba li waħda mara nobbli u bint spiritwali tiegħu, Raffaellina Cerase, għamlet lill-Provinċjal biex jibagħtu ħalli jassistiha peress li kienet waslet biex tmut.



F'Foggia Patri Piju kien jgħaddi l-granet tiegħu jitlob u jistudja, jikteb ittri lil ċerti nies partikulari u jaqdi lin-nies li kienu jagħfsu fuqu: "M'għandix mument ħieles. Ġemgħa erwieħ għatxana għal Ġesù tagħfas fuqi, hekk li wasalt fix-xifer."



SPIRITWALITÀ FRANĠISKANA - ESPERJENZA Fr Ivan Scicluna OFMCap

# KAPUĊĊINI ON THE ROAD!

## Esperjenza Kapuċċina fiż-Żejtun

Erġajna għamilnieha! Wara li f'Mejju ta' din is-sena jiena u żewġ patrijiet Kapuċċini oħra qattajna ġimgħa fir-raħal tas-Salib tal-Għolja, is-Siġġiewi, fit-tielet ġimgħa t'Ottubru li għadda rħejnielha lejn iż-Żejtun fejn qattajna sebat ijiem, eżattament bejn is-17 u t-23 tax-xahar. Din l-*outreach* fiż-Żejtun ma kinitx issir realtà mingħajr is-sehem tal-arċipriet tal-post, tal-viċijiet li jgħinuh u ta' persuni oħrajn, speċjalment il-membri tal-fratellanza tar-Rużarju, li laqgħuna u kkoperaw magħna bis-sħiħ. Il-ġurnata tagħna fiż-Żejtun kienet iddur mal-erba' valuri li, tista' tgħid, isawru l-istil tal-ħajja tagħna l-patrijiet Kapuċċini: (1) it-talb; (2) il-fraternità; (3) il-ħidma pastorali man-nies, l-iktar ma' dawk fil-bżonn; u (4) stil ta' ħajja sempliċi u fqira.

1. It-**talb** għandu prijorità fil-ġurnata tagħna l-patrijiet. Kif jispjega tajjeb il-Ministru Ġeneral tal-Ordni Kapuċċin, Mauro Jöhri, fl-ittra li kien kitbilna fl-2008, "ir-Riforma Kapuċċina ħarġet minn xewqa profonda għal ritorn lejn l-eremitaġġi, lejn l-imkejjen imwarrba fejn tinħoloq u titmantna relazzjoni personali ma' Alla."[1] Għalhekk il-Kostituzzjonijiet tagħna jħeġġuna biex "nagħtu importanza kbira lill-ħajja tat-talb, speċjalment il-meditazzjoni."[2] Għalhekk, wara *breakfast* kmieni fis-6.30 a.m., konna nibdew il-ġurnata fiż-Żejtun billi ningħaqdu man-nies fil-knisja parrokkjali għat-talba tar-rużarju fis-7.20 a.m. Fit-7.45 a.m. konna niċċelebraw il-quddiesa u wara l-quddiesa konna nitolbu t-Tifħir ta' Sbieħ il-Jum man-nies li kienu jibqgħu għat-talb magħna – dejjem konna nkunu xi tletin ruħ. Kemm hi xi ħaġa sabiħa li fil-ħajja mgħaġġla tal-lum għad hawn tant Maltin li jsibu ħin għat-talb fil-bidu tal-ġurnata! F'xi ħin f'nofs il-ġurnata (daqqa f'nofsinhar, daqqa fis-siegħa... skont id-daqqa niżfnu!) konna nitolbu s-Salmi ta' Nofs il-Jum fil-

kappella li kellna fid-dar fejn konna qed noqogħdu. Sa ftit żmien ilu f'din id-dar kienu joqogħdu l-patrijiet Ġiżwiti. Kemm kienet ħelwa dik il-kappella! Ċkejkna, kwieta, għerja... il-veru tiġbrok! L-għera tal-ħitan fuq il-ġebla bħal donnha ma tħallix lill-moħħ jitferrex, u b'xi mod tgħinu jiffoka iktar fuq l-essenzjal. Għall-ħabta tal-4.00 p.m. konna ngħaddu mument ieħor ta' talb fil-kappella, li fih konna niċċelebraw it-Talba tal-Għasar





u l-Uffiċċju tal-Qari u nagħmlu nofs siegħa meditazzjoni fis-skiet. Wara l-appostolat ta' filgħaxija konna ntemmu l-ġurnata bir-reċita tat-Talba ta' Għeluq il-Jum. Hekk l-attivitajiet tal-ġurnata kienu jintisġu sfiq mat-talb, anzi kienu bħallikieku jfuru mit-talb.

2. Aħna bħala patrijiet Kapuċċini msejħin biex ngħixu fi **spirtu ta' fraternità**. Dan l-ispirtu fratern "huwa l-karatteristika ewlenija u essenzjali tal-ħajja Franġiskana Kapuċċina."[3] Kien għalhekk li konxjament għażilna li nkunu flimkien f'kulma nagħmlu matul il-jum, mhux biss fit-talb iżda wkoll fit-tisjir, fl-ikliet, fir-rikreazzjoni, fl-appostolat u, tista' tgħid, kull fejn morna. Dan ħoloq ċerta intimità bejnietna, għax kif jispjega Gary D. Chapman fl-artiklu tiegħu *The Five Sides of Intimacy*: "*Much of life involves doing. When we do things together, we not only develop a sense of teamwork, but we also enhance our sense of intimacy.*"[4] Il-mument tal-ikel kien ikun tassew mument sabiħ! Mhux biss għax l-ikel kien jinżlilna għasel, iżda għax konna litteralment nieħdu gost fil-preżenza ta' xulxin, niċċajtaw, nidħku, naqsmu l-esperjenzi tal-ġurnata u niddiskutu suġġetti li kienu jħeġġu l-ispirtu tagħna biex inkomplu ngħixu b'intensità din l-esperjenza fraterna.

3. Filgħodijiet u filgħaxijiet konna **noħorġu niltaqgħu man-nies**. Iltqajna mat-tfal fl-iskola primarja, mat-tfal tal-iskola sekondarja ta' San Tumas Moore, mal-adolexxenti u l-membri subien tas-Soċjetà tal-MUSEUM, maż-żgħażagħ tal-PLUS U, ma' persuni b'diżabilità fir-residenza mwaqqfa minn Dun Anġ Seychell u mal-membri nisa tal-Azzjoni Kattolika. Din il-ħidma kienet pjuttost faċli, kważi komda. Iżda billi l-Kapuċċin ma jafx jikkuntenta ruħu b'ħidma faċli għax ħarstu hija dejjem lejn orizzonti li joffrulu sfida ikbar, lil hinn mill-parametri tal-medjokrità, tal-minimu, tal-faċli, fittixna li nagħmlu xi ħaġa iżjed *challenging*. Morna nħabbtu l-bibien ta' xi familji bi problemi soċjali u qattajna ħin sewwa nitkellmu magħhom, nisimgħu l-problemi u l-inkwiet tagħhom, u kważi dejjem għalaqna b'mument ta' talb. Kien hemm min minna wkoll ħareġ tard billejl u ltaqa' ma' grupp ta' rġiel u nisa jixorbu u jpejpu f'ħanut viċin il-pjazza. Wieħed mill-irġiel talbu jqerr u l-patri qarru f'nofs ta' lejl minkejja li r-raġel kien għadu bil-bott tox-xorb u bis-sigarett f'idejh. Kemm ħassejtha f'lokha li nkunu disponibbli għan-nies mhux biss fil-knejjes tagħna imma wkoll fl-ambjenti tagħhom, fil-ħin





tagħhom
u fil-kuntest
tagħhom! Dakinhar fhimt tassew kliem il-Papa Franġisku meta qal li s-saċerdot awtentiku jingħaraf mhux mill-bizzilel li jilbes waqt il-liturġija imma billi jkollu fuqu "r-riħa tan-nagħaġ"! Aħna u sejrin lura d-dar bdejt ngħid lili nnifsi: 'Forsi wasal iż-żmien li nibdew immorru aħna nfittxu lin-nies fejn qegħdin huma u mhux nistennewhom jiġu l-knisja, għax forsi minn jeddhom mhux se jiġu. Illum il-folja donnha qed tinqaleb: mhux 99 nagħġa fil-maqjel u waħda barra minnu (Lq. 15, 3), imma qed jibqgħalna l-ftit fil-maqjel u l-maġġoranza 'l bogħod, jistennew lil xi hadd biex jaghtihom sens ta' direzzjoni.'



Il-Kostituzzjonijiet tagħna jispjegaw li **"l-faqar jitlob ħajja meqjusa u bla tlellix fl-ilbies, fl-ikel u fid-djar."**[5] Fiż-Żejtun ippruvajna ngħixu ħajja sempliċi kemm jista' jkun. Iċ-ċoqqa sempliċi tagħna f'forma ta' salib kienet l-ilbies ta' kuljum. Id-dar kienet mgħammra biss bl-essenzjal. L-ikel ma naqasna qatt. Bħalma kien ġralna fi rħula oħra, fiż-Żejtun erġajna esperjenzajna b'mod tanġibbli l-providenza ta' Alla! Qlajna iktar milli kellna bżonn! Fhimt aħjar il-kliem ta' San Franġisk t'Assisi meta qal lill-patrijiet tiegħu: "Hemm patt bejn id-dinja u l-aħwa: huma għandhom jagħtu eżempju tajjeb lid-dinja, u d-dinja għandha tipprovdilhom dak li hu meħtieġ. Jekk huma jitbiegħdu milli jagħtu l-eżempju tajjeb u hekk jonqsu mill-fidi, id-dinja wkoll tbiegħed l-id ġeneruża tagħha bħala kastig."[6]

Nittama li fiż-żmien li ġej ikollna ċans nerġgħu nagħmlu din l-esperjenza f'xi raħal ieħor tal-gżejjer tagħna...




**Referenzi:**

1 Mauro Jöhri, *Let us fan the flame of our Charism*, Rome 2008, 14.

2 Provinċja Kapuċċina Maltija, *Il-Kostituzzjonijiet tal-Aħwa Minuri Kapuċċini*, 1990, I, 4, 3.

3 First Plenary Council On Our Life in Fraternity and Poverty, f'*Renewing the Capuchins. The Plenary Councils of the Order 1971-1992*, 1993, 17.

4 Gary G. Chapman, *The Five Sides of Intimacy*, Flimkien, 2009, 6.

5 Provinċja Kapuċċina Maltija, *Il-Kostituzzjonijiet tal-Aħwa Minuri Kapuċċini*, 1990, IV, 60, 4.

6 Tumas minn Celano, *It-Tieni Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi*, 70.

POEŻIJA Il-Kav. Joe M. Attard



# Hodie Christus Natus Est

## F'GĦELUQ IT-30 SENA TAL-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU, GĦAWDEX-MALTA



Xejn ma nbati sabiex nikteb
poeżija tal-Milied –
hawn, arawni, ħiereġ b'waħda
ladarba dan wara l-bieb!

U x'ser naqbad nikteb aktar
dwar dil-festa hekk sabiħa,
meta jiena s-sena kollha
tal-Milied żgur ngħix bir-riħa?

Din il-ġrajja lilna tfakkar
fit-twelid ta' dit-tarbija
li hekk kif għajnejha fetħet,
imliet lilna bl-armonija!

Għalkemm tgerbu elfejn sena
minn dak illi ġara f'Betlem;
dak il-ferħ u dik il-hena
bla dubju jibqgħu għal dejjem.

U kull sena, kif Diċembru
jibda lejna riesaq qrib,
fuq kull wiċċ ta' ferħ tbissima
lil kull bniedem dan iġib.

Biex dal-ferħ ma jkun qatt nieqes,
f'dawn il-ġranet tal-Milied
hemm bżonn li nxerrdu l-presepju
mal-irħula u l-ibliet.

Għalhekk twieldet f'Għawdex tagħna
l-Għaqda Ħbieb minn tal-Presepju;
tul dawn l-aħħar tletin sena
ma waqfitx tagħti l-eżempju

biex dil-grotta fqira u ħelwa
issib postha ġo kull dar,
bil-pasturi, djar, xi mitħna
u fil-bogħod anki xi swar.

U fiċ-ċentru l-Bambin ċkejken
għan-nifs sħun ta' baqra u ħmar,
waqt li r-ragħajja għarkupptejhom
mistagħġbin bl-għaġeb li sar!

Kemm nixtieq li kont ngħix f'Betlem
ġo xi gorboġ f'dak iż-żmien!
Kieku żgur li l-bieb kont niftaħ
lil dil-ħlejqa ta' ftit jiem,

u bil-ferħ nilqagħha ġewwa,
ma' Ġużeppi u Marija –
ġenituri xxurtjati
ta' din iċ-ċkejkna tarbija.

Imma l-Feddej tal-bnedmin
ma riedx vilel u palazzi,
xi kastell jew xi dar kbira
kollha twapet u arazzi,

imma għar f'nofs il-kampanja
f'lejl tax-xitwa kollha ksieħ,
biex hemmhekk għajnejh ibexxaq
għall-kant tal-anġli sabiħ.

Bi twelidek ibqa' ferraħ
lilna lkoll, Ġesù Bambin;
ibqa' saltan fid-djar tagħna,
għalik dejjem għandna l-ħin.

Mank li kien dal-ferħ tal-għaġeb
li jġib miegħu l-Milied
jibqa' magħna s-sena kollha
u jirbaħ fuq kull inkwiet!

Illum Kristu twieled fostna
għaliex tant ħabb lill-bnedmin;
jalla b'dan it-twelid tiegħu
ngħixu għal dejjem henjin!

L-Għaqda Ħbieb minn tal-Presepju
nawgurawlha aktar snin
biex ħidmietha tkompli tifrex
fost il-Maltin u l-Għawdxin.

Il-Belt Victoria, Għawdex, 2015



IL-MILIED Joseph C. Camilleri



# QWIEL MALTIN
## DWAR IL-MILIED U T-TEMP

Fost il-qwiel Maltin insibu ħafna li għandhom rabta mat-temp. Għaliex? Il-Milied huwa festa li tiġi kull 25 ta' Diċembru. Hu sempliċiment 4 ijiem wara l-bidu tal-istaġun tax-xitwa. Hu żmien li l-fqar u l-bdiewa jibżgħu minnu. Barra minn hekk il-Malti jemmen li 12-il jum qabel il-Milied huma żmien mera ta' 12-il xahar li jkunu ġejjin.

### Temp sabiħ, temp ikrah

Il-Malti jgħid: '**Sal-Milied, la brud (bard) u lanqas ġwieħ (ksieħ).**' Skont dan il-qawl it-temp ikun ħanin sakemm jasal il-Milied. Il-kesħa, il-bard u l-qilla tax-xitwa jibdew wara l-Milied. Qawl ieħor li jaqbel ma' dan jitkellem fuq it-temp ta' wara l-Milied. Dan jgħid: '**Mill-Milied 'il fuq, iż-żmien jibda jagħti bil-buq.**' Il-kelma 'buq' tfisser 'trumbetta'. Għalhekk il-qawl jgħid li wara l-Milied jibda żmien ta' temp differenti li jkun ta' tbatija għall-foqra, l-iżjed għan-nies bla saqaf fuq rashom u bil-ġuħ.

Il-Maltin kienu jemmnu li fil-lejl tal-Milied kien joħroġ il-Gawgaw (il-hares tal-Milied). Qawl Malti jgħid hekk: '**Il-Gawgaw joħroġ lejlet il-Milied f'nofsillejl, jekk isib mustaċċih miblula jgħid li x-xitwa għaddiet, jekk isibhom nexfin jgħid li x-xitwa għadha ġejja.**' Dan ifisser li jekk sa qabel il-Milied ma tagħmilx xita, għid li x-xitwa tkun għadha ġejja.

### Rabta bejn il-Milied u l-Għid

It-temp tal-Milied ikun differenti mit-temp tal-Għid. Dan hu rifless f'diversi qwiel. Wieħed minnhom jgħid: '**Milied taħt il-ħajt, l-Għid fuq il-bajt (bejt).**' Dan ifisser li jekk fil-Milied tagħmel ix-xita, fl-Għid jagħmel temp mill-aħjar. Qawl ieħor jgħid l-istess ħaġa fi kliem differenti. Dan jgħid: '**Il-Milied taż-żina, l-Għid fil-kċina.**' Il-kelma 'żina' tfisser 'bnazzi', waqt li l-kelma 'kċina' tfisser 'maltemp'. Mela skont dan il-qawl jekk fil-Milied jagħmel il-bnazzi, fl-Għid ikun il-maltemp. Ġieli ssib qawl li juża l-istess kliem biex jagħti l-istess tifsira. Bħal f'dan il-każ: '**Il-Milied fil-kċina, l-Għid taż-żina, il-Milied taż-żina, l-Għid fil-kċina.**'

Iżda hemm qawl ieħor li jagħti l-istess stampa b'mod differenti. Dan jgħid: '**Meta l-Milied taħt il-bejt, il-Għid fuq il-bejt.**' F'dan il-qawl il-kelma 'bejt' tirreferi għax-xita waqt li l-kelma 'bejt' tirreferi għall-bnazzi. Dan ifisser li mill-Milied 'il hemm, il-ġiħ jibda jagħti bil-ħafna.

### Rabta bejn il-Milied u ċerti festi

Wieħed minnhom jgħid: '**F'April u fil-Milied neħħi l-moħriet mill-wied.**' April hu marbut

mal-Għid. Dan il-qawl irid ifisser li f'April u f'Diċembru jkun għadda ż-żmien li jaħartu r-raba'. Qawl ieħor jorbot il-Milied ma' Santa Luċija. Dan jgħid: **'Jekk taqa' n-nida lejlet Santa Luċija, il-qoton jikber bla tbatija.'** Dan ifisser li jekk fil-festa ta' Santa Luċija, li tiġi fit-13 ta' Diċembru, jew aħjar 12-il jum qabel il-Milied, tinżel ħafna nida, il-qoton, li kien l-aqwa pjanta li kellu l-bidwi Malti fi żminijiet l-imgħoddi, jikber ħafna.

Qawl ieħor jitkellem fuq il-festa ta' San Martin, li tiġi f'nofs Novembru, u l-Milied. Dan jgħid: **'F'San Martin inkissru l-lewż, fil-Milied naqsmuh.'** Dan hu qawl li fih spirtu ta' karità u mħabba lejn dawk li għandhom bżonnijiet aktar minn tagħna. Naqsmu ma' ħaddieħor, l-aktar ma' dawk li huma fil-bżonn. San Silvestru għandu l-festa fl-aħħar ta' Diċembru, lejlet l-ewwel tas-sena – l-Istrina. Qawl wieħed jitkellem fuq hekk: **'F'San Silvestru ġedded il-kappestru.'** Dan hu qawl li aktarx għandu influwenza minn Sqallija. Dan ifakkarna biex fl-aħħar tas-sena nagħmlu riżoluzzjonijiet tajba.




## Il-Milied żmien partikulari

Il-festa tal-Milied timmarka ħafna affarijiet li għandhom x'jaqsmu b'mod indirett mat-temp. Wieħed minnhom jgħid li **'F'Diċembru fis-sala jidħol membru.'** Dan ifakkarna li Diċembru jidħol fix-xirka tax-xhur l-oħra meta tagħlaq is-sena, ħalli tibda oħra ġdida.

Il-kaċċa kienet waħda mid-divertimenti popolari man-nies tar-raba' u tal-kampanja. Dan il-qawl jgħid: **'La jasal il-Milied erfa' xkubettietek fuq il-farxa tal-bieb.'** Il-farxa kienet xkaffa li l-bdiewa kienu jwaħħlu fuq il-blata tal-bieb ewlieni. Fuq din l-ixkaffa kienu jpoġġu xi affarijiet tal-ikel biex ma jintlaħqux mill-annimali tad-dar, kif ukoll xi snieter tal-kaċċa. Dan il-qawl irid jgħid li meta jasal il-Milied ikun għalaq żmien il-passa.

Is-sajd kien ukoll importanti. Wieħed mill-qwiel jgħid: **'Konz ta' Settembru jgħaddi bil-gziez, konz ta' Diċembru hu wisq bil-qies.'** Is-sajd għal-lampuki huwa l-aktar attività importanti fejn jidħol is-sajd f'Malta. Dan l-istaġun jiftaħ f'Awwissu u jibqa' sejjer sa Diċembru, u forsi qabel ukoll. Għalhekk f'Settembru jinqabdu ħafna iżjed lampuki milli f'Diċembru, meta l-istaġun ikun wasal fl-aħħar.

**Referenzi:**

**Ralph Micallef**, *Qwiel u Idjomi Maltin fuq il-Milied*, Il-Knisja Tiegħi Nru 78, Diċembru '98 – Jannar '99

**Patri Edmund Teuma**, *Il-Milied fil-Qwiel Maltin – Il-Milied u t-Temp*, Il-Mument, 15 ta' Diċembru 2002

**Ġorġ Sammut**, *Il-Qwiel u l-Milied*, Leħen Hal Qormi, Diċembru 1994





KNISJA: HAJJA, ĦIDMA U AĦBARIJIET P. Silvestru Bonavia OFMCap

# 50 SENA ta' ħidma Sinodali... il-Familja, iċ-Ċina u l-Afrika

Mis-sinodu dwar 'il-vokazzjoni u l-missjoni tal-familja fil-Knisja u fid-dinja tal-lum' sal-ewwel vjaġġ tal-Papa Franġisku fl-Afrika seħħew bosta ġrajjiet kbar. Fost dak kollu li nkiteb u ntqal, huwa fatt sabiħ li l-Papa qed juri Knisja ħajja, bil-fatti, b'kelmtu sempliċi u b'ħidmietu bla waqfien, jurina t-triq u l-miri li għandu jkollna bħala dixxipli ta' Ġesù, illum. Il-ġesti tiegħu mbagħad jitkellmu ħafna aktar biċ-ċar. Huwa t-twettiq bla ħafna daqq ta' trombi ta' dak li qalilna nagħmlu fl-Eżortazzjoni Appostolika *Il-Ferħ tal-Evanġelju*.

F'dawn il-ħsibijiet qosra nieqfu ftit fuq uħud mill-ġrajjiet jew diskorsi ewlenin li huwa għamel dan l-aħħar u nirriflettu wkoll x'għandu jkun l-impenn tagħna.

Żgur huwa ferm importanti d-diskors tas-17 t'Ottubru, li għamel fiċ-ċelebrazzjoni ta' għeluq il-50 sena mit-twaqqif tas-Sinodu tal-Isqfijiet. Niftakru li din l-istituzzjoni kienet twaqqfet waqt il-Konċilju Vatikan II, b'*motu proprio* tal-15 ta' Settembru 1965. Il-Papa Franġisku f'dan id-diskors mhux komuni jagħmel analiżi teoloġika u pastorali dwar il-ħsieb tal-Konċilju u kif din l-għodda fil-Knisja tal-lum tista' tkun ta' għajnuna aktar għall-Papa nnifsu u għall-istess isqfijiet, kif ukoll għall-poplu Nisrani. Għalkemm tul dawn il-50 sena sar ħafna tibdil u żvilupp dwar l-istess sinodu, imma għad jonqos dejjem aktar. Hekk din l-istituzzjoni tkun aktar ħajja, dinamika, mhux formalistika għal ħajja aktar evanġelika tal-Knisja kollha. Dan iwassal ħafna tajjeb għal aktar għaqda fost dawk kollha li jemmnu fi Kristu. Hekk jidher ukoll l-aspett ekumeniku.

'*Is-Sinodu mhux parlament jew senat,*' qal il-Papa, imma huwa atteġġjament ta' Knisja *li timxi flimkien* u *li tisma'*. Kulħadd, kemm il-Papa kif ukoll l-isqfijiet u l-istess Poplu t'Alla, għandu jkollhom dan l-atteġġjament ta' smigħ lejn xulxin. '*Ilkoll kemm aħna,*' qal il-Papa, '*irridu nisimgħu l-Ispirtu s-Santu, l-Ispirtu tal-Verità.*' U, aktar minn hekk, irid isir 'dixxerniment', jiġifieri għażla għaqlija ta' dak kollu li jintqal u jinkiteb, '*sakemm niskopru r-rieda t'Alla li għaliha Hu qed isejħilna,*' qal

il-Papa fil-bidu tal-ewwel sessjoni ta' dan is-sinodu speċjali s-sena l-oħra.

## Il-familja fid-dawl tal-Evanġelju

Id-diskors l-ieħor ferm importanti huwa dak fi tmiem is-Sinodu tal-Familja, nhar is-Sibt 24 ta' Ottubru. Il-Papa mill-ewwel stqarr li s-Sinodu ma fehemx itemm l-istudji kollha dwar il-familja u jsolvi l-problemi kollha komplessi dwarha:

*Fittixna li ndawluhom bid-dawl tal-Evanġelju, tat-tradizzjoni u tal-istorja bimillenarja tal-Knisja, biex nimlewhom bil-ferħ tat-tama bla ma naqgħu fir-ripetizzjoni faċli ta' dak li hu indiskutibbli jew diġà ntqal... qegħidna dawn id-diffikultajiet u dubji taħt id-dawl tal-Fidi... Ifisser li ħeġġiġna lil kulħadd biex jifhem l-importanza tal-istituzzjoni tal-Familja u taż-Żwieġ bejn raġel u mara, mibnija fuq il-għaqda u l-indissolubbiltà, u biex japprezzaha bħala bażi fundamentali tas-soċjetà u tal-ħajja umana... ridna niddefendu l-Familja mit-theddid ideoloġiku u individwalistiku... mingħajr ma naqgħu fil-periklu tar-relattiviżmu.*

Hija realtà kbira kif il-Papa f'nifs ta' ftit minuti żgħar f'din l-ewwel parti tad-diskors tiegħu jirrepeti almenu tliet darbiet li l-problemi kollha – u mhux dawk dwar il-familja biss – irridu narawhom fid-dawl tal-Evanġelju, fid-dawl tal-fidi, bil-għajnejn ta' Alla flimkien mat-tradizzjoni tal-Knisja.

Imma l-Papa jerġa' jtenni dak li jħobb jirrepeti spiss, li l-Knisja u l-Poplu t'Alla huma midinbin, jiġifieri aħna lkoll nidinbu kontra l-imħabba u l-ħniena t'Alla.

Imma jeħtieġ li meta mmorru mill-ġdid għandu jkollna qalbna niedma, f'mixja ta' konverżjoni vera li tnissel fina bidla. Hekk, jgħid il-Papa, *twassal f'kull rokna tad-dinja, f'kull djoċesi, f'kull komunità u sitwazzjoni, it tgħanniqa tal-Knisja u l-għajnuna tal-ħniena t'Alla!* B'dan il-mod huwa jgħaqqad il-ħidma kollha u l-frott kollu tas-Sinodu mal-Ġublew tal-Ħniena.

Hekk il-Knisja permezz tas-sinodu wriet li hija trid tkun dak id-dawl ta' Kristu li jdawwal id-dlam tad-dinja kontemporanja. U proprju biex jagħmel dan aktar ċar il-Papa ried li f'nofs dan is-sinodu jiddikjara qaddisin flimkien il-ġenituri ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù: Louis Martin u Maria Azelia Guerin. B'dan l-att solenni l-Knisja trid tippreżentahom bħala mudell għal kull min qed iħejji ruħu jwettaq is-sejħa tiegħu fil-familja u min ġa qed jgħixha. Bl-eżempji sbieħ tagħhom il-familji jagħmlu dejjem aktar kuraġġ u jgħixu s-sejħa tagħhom bil-ferħ veru u jagħmlu l-qalb lil dawk li jkunu f'diffikultajiet.

## Umiltà u ferħ tassew

Diskors ieħor importanti ħafna tal-Papa kien dak li għamel fiż-żjara tiegħu f'Firenze u Prato fil-Ħames Konvenju tal-Knisja Taljana. Din il-laqgħa ssir kull għaxar snin u fiha jitfassal il-programm pastorali tal-ħidmiet ekkleżjali. Fid-diskors twil, mhux bħas-soltu, li għamel fid-Duomo ta' Firenze, huwa esprima x-xewqa tiegħu x'jixtieq jara f'dawk li jaħdmu fil-Knisja llum. U dan mhux biss fl-Italja imma kullimkien. Fil-qosor ħafna ngħid biss li l-Papa jħeġġeġ lil kull min huwa msejjaħ biex jagħti sehmu fil-pastorali tal-Knisja, tad-djoċesi, parroċċa u





f'kull komunità, li jeħtiġilna li jkollna l-umiltà evanġelika, nevitaw l-egoiżmu u jkollna l-ferħ veru li Ġesù jurina fil-prietka tal-muntanja.

Fi tmiem id-diskors tiegħu l-Papa jagħmel suġġeriment li tajjeb kieku anke aħna nagħmluh tagħna wkoll fil-komunitajiet, gruppi, movimenti u laqgħat ta' diversi livelli. Huwa jitlob li nisiltu mill-Eżortazzjoni *Il-Ferħ tal-Evanġelju* u naraw kif inqegħduha fil-prattika.

## Taħditiet fiċ-Ċina

Barra dan kollu, aħbar li ma tantx instemgħet kemm jistħoqq kienet iż-żjara li delegazzjoni tas-Santa Sede ta' sitt persuni wettqet għal darb'oħra fiċ-Ċina, bejn il-11 u s-16 t'Ottubru. Huma ltaqgħu mal-awtoritajiet, fosthom l-Isqof Giuseppe Li Shan, li huwa aċċettat kemm mill-Gvern kif ukoll mis-Santa Sede. Il-ħidma, mogħtija spinta qawwija mill-Papa Benedittu u msaħħa bix-xewqa qawwija tal-Papa Franġisku, li tenna kemm-il darba li 'ċ-Ċina hija dejjem f'qalbi', waqt li wera x-xewqa herqana li jżurha. Il-Kardinal Parolin, Segretarju tal-Istat tal-Papa, li kien ġa beda jaħdem f'din il-missjoni bejn is-snin 2007-2009 qabel sar Nunzju fil-Venezwela (u minn hemm wettaq ħidma ta' fejda kbira fir-relazzjonijiet ma' Kuba, li taw il-frott), qed isegwi ħafna mill-qrib dawn l-aħħar żviluppi. '*Il-fatt li hemm dan id-djalogu għaddej huwa ġa ħaġa pożittiva ħafna,*' ikkummenta l-Kardinal f'nofs Ottubru.



***Il-Kardinal Parolin mal-Papa Franġisku***

Intemm l-ewwel Vjaġġ Appostoliku tal-Papa Franġisku fil-Kenja, l-Uganda u r-Repubblika Ċentru-Afrikana bejn il-25 u t-30 ta' Novembru. Fid-diskorsi u l-laqgħat diversi li kellu, il-Papa ried iwassal messaġġ qawwi ta' tama u kuraġġ lill-Insara u r-ragħajja tagħhom u lill-mexxejja ċivili kollha, biex jaħdmu lkoll bla heda ħalli jissaħħu fil-għaqda u fil-fidi. Hekk flimkien ikomplu jaħdmu għal aktar żvilupp u progress veru f'pajjiżhom u fil-kontinent kbir Afrikan.





ITTRA MIFTUĦA LIL RYAN DALLI

# "Bigħ kollox, anke lilek innifsek"

*Ittra miftuħa lil Ħuna Ryan Dalli, li fil-25 ta' Settembru 2015 għamel il-Professjoni Temporanja tiegħu fi ħdan l Ordni Franġiskan Kapuċċin.*

Għażiż Hija,
Ma stajtx tagħżel qari isbaħ għal din l-okkażjoni: iż-żagħżugħ għani, li minħabba l-ġid kbir li kellu warrab is-sejħa li għamillu Ġesù, "Mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra u jkollok teżor fis-sema; imbagħad ejja u imxi warajja" (Mt. 19, 21).

Inti mhux hekk għamilt. Nawguralek li l-ferħ u l-imħabba ġeneruża tiegħek, li għenuk tħalli kollox, jgħinuk issib tassew *kollox*, kif qallek u qal lilna lkoll il-Provinċjal fl-omelija sabiħa.

Dan fakkarni mill-ewwel f'waħda mit-tweġibiet li ta l-Papa Franġisku waqt il-Laqgħa Dinjija taż-Żgħażagħ f'Ħajja Konsagrata, nhar is-17 ta' Settembru li għadda. Bħala ġuvni ta' 17-il sena huwa daħal fi knisja, sab saċerdot, qerr u hemm sema' s-sejħa ta' Ġesù. Iddeċieda li triqtu kienet 'wara Ġesù'. Wara Ġesù biss u xejn aktar. U issa dan qed jurih ċar lid-dinja kollha, b'ħajtu, imġibtu, l-għażliet tiegħu, kliemu kollu kif dejjem ipprova jgħix tul it-62 sena u aktar wara dik id-deċiżjoni.

Imma lili, għażiż Hija, waqt li l-Provinċjal kien qed jindirizzak, fakkarni mill-ewwel f'ħaġa oħra marbuta magħha. Iż-żagħżugħ għani tfixkel minħabba l-għana materjali. Sewwed ħafna qalbu. Ma marx wara Ġesù. Inti ħallejt kollox, bdejt mixjitek wara Ġesù. Jiena bħalek, ċżatt 60 sena ilu, għamilt il-Professjoni Temporanja flimkien man-novizzi sħabi. Insellem lil dawk li fadal magħna: P. Lwiġi Saliba u P. Mawrizju Cassar.

Imma hemm periklu kbir għalina lkoll illum. Mhux biss l-għana materjali; dan ukoll, kif qallek, u qal lilna wkoll, il-Provinċjal. Irridu naħarbu u nwarrbu kull tfixkil tad-dinja li jista' jidher bħala progress, kumditā u kull ħaġa li San Pawl isejħilha 'knis', li ma toqgħodx fejn il-valur kbir 'li nagħraf lil Ġesù Sidi u nkun ninsab fih' (Fil. 3, 8-9). Hekk biss inkun insib *kollox*.

Flimkien ma' dan hemm 'il-għana tiegħi nnifsi'. *Jien*! Dan huwa l-akbar tfixkil biex insir ħaġa waħda ma' Ġesù u ma' ħuti fil-fraternità. Jekk din is-sena tal-Ħajja Konsagrata servietna biex ninħallu minn dan il-għana li huwa 'jien', inkunu mxejna biċċa sewwa fis-sejħa tagħna. Hekk qal ukoll il-Papa lill-familji f'Philadelphia: "Meta persuna tfittex lilha nfisha biss, moħħha biss f'dak li hu tiegħi, għalija…" inkunu qed nitilfu kull sens ta' fraternità. Fil-Ħajja Konsagrata l-fraternità tassew hija essenzjali.



Grazzi, Ryan. Grazzi lill-Provinċjal, li qanqal fina dawn il-ħsibijiet. Nixtiqulek ħajja konsagrata mibnija ħafna aktar fuq Ġesù, li tħares lejn ħutek. Itlob ħafna għalina.



KAPUĊĊINI F'MALTA Winston L. Zammit B.A. (Hons) P.G.C.E., M.A.

# IL-KUSTODJA TAL-KAPUĊĊINI F'MALTA (1740-1840)

## f'għeluq il-275 sena mit-twaqqif tagħha

B'digriet tal-25 ta' Ġunju 1740 il-Ġeneral tal-Ordni u d-Definitorju waqqfu l-Kustodja Maltija tal-Franġiskani Kapuċċini. Bħala l-ewwel Kustodju, b'digriet tat-12 ta' Settembru 1740 inħatar Patri Ġużepp Grech OFMCap minn Bormla. Il-Kustodja Maltija kienet tikkonsisti fit-tliet kunventi tal-Furjana, il-Kalkara u r-Rabat, Għawdex. Qabel dawn it-tliet kunventi kienu jiffurmaw parti mill-Provinċja ta' Sirakuża.[1]

B'hekk il-Kustodja Maltija bdiet il-mixja tagħha ta' mitt sena, sakemm saret Provinċja. Matul l-ewwel 58 sena tagħha l-Kapuċċini mhux biss wettqu l-ministeru pastorali iżda kienu wkoll ta' għajnuna lill-foqra. Viżitatur Daniż li żar il-kunvent tal-Kalkara fl-1797 jinfurmana li f'dan il-kunvent tliet darbiet fil-ġimgħa kienu jsajru f'*casserole* kbira għal 50 persuna fqira.[2]

### 1798-1800 – Sentejn ta' tbatija kbira

Fl-1796 il-Kustodja Maltija bdiet titmexxa minn Patri Ġużepp minn Ħaż-Żabbar.[3] F'Ġunju 1798 bdew sentejn ta' tbatija kbira għall-Ordnijiet reliġjużi kollha f'Malta, minħabba t-taqlib politiku kbir li seħħ fostna. Fit-12 ta' Ġunju 1798 spiċċat il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann (1530-1798) u bdiet fostna l-ħakma Franċiża.

Waħda mill-ewwel miżuri tal-ħakkiema ġodda Franċiżi laqtet ħażin lill-Ordnijiet reliġjużi kollha, u urtat bl-ikrah lill-Maltin. Il-Gvern Franċiż ordna li l-Ordnijiet reliġjużi kollha kellu jkollhom biss kunvent wieħed f'Malta. B'hekk il-Franġiskani Kapuċċini tilfu ż-żewġ kunventi tal-Kalkara u tar-Rabat, Għawdex, u kellhom jinġabru fil-kunvent tal-Furjana.[4]

Minn lista li saret fil-5 ta' Settembru 1798 insibu li fil-kunvent tal-Furjana kien hemm il-Kustodju Patri Ġużepp, Patri Saver, il-Vigarju tiegħu Patri Fidiel, il-gwardjan, 19-il patri li wieħed minnhom kien Franċiż, 6 kjeriċi u 18-il fratell lajk. Imxerrdin fil-kampanja kien hemm 12 oħra. Dan ifisser li b'kollox fl-1798 il-Kustodja kellha 58 reliġjuż.[5]

### L-Irvell u l-Imblokk

Fit-2 ta' Settembru 1798 beda l-irvell tal-Maltin fil-kampanja. Fi żmien jumejn Malta nqasmet fi tnejn. Il-Franċiżi sfaw imblukkati fil-Belt Valletta, il-Furjana, il-Kottonera u l-Fortizzi Manoel u Tigné. Il-kampanja kienet f'idejn il-Maltin.

Fit-8 ta' Settembru l-Kustodju Patri Gużepp intbagħat fil-kampanja biex jipprova jikkalma l-Maltin. Iżda ma tħalliex imur lura.[6]



*P. Ġużepp Grech minn Bormla - l-ewwel Kustodju*

Huwa stabbilixxa r-residenza tiegħu fil-kunvent tal-Agostinjani tar-Rabat, u hemmhekk inġabru miegħu l-patrijiet Luigi, Evanġelista u Feliċjan.[7]

Patri Ġużepp Grimaldi, gwardjan tal-kunvent tal-Kalkara, mar f'Ħaż-Żabbar fejn aġixxa bħala viċi parroku fi żmien l-imblokk,[8] filwaqt li Patri Salv, li jidher li kien baqa' fil-kampanja, għamel il-prietki tal-Avvent (1798) u tar-Randan (1799) fil-Katidral tal-Imdina.[9]

Il-parti l-kbira tal-patrijiet li kienu miġburin fil-kunvent tal-Furjana sabu ruħhom f'sitwazzjoni diffiċli ħafna. Kellhom il-biża' li l-kunvent jintlaqat minn xi sparar, li seta' jsir mill-batteriji tal-Maltin fil-kampanja. Għaldaqstant talbu lill-Gvern Franċiż biex jingħataw post aktar fiż-żgur. Fl-1 t'Ottubru 1798 ingħataw il-permess biex jinġabru fil-kunvent ta' San Franġisk (tal-patrijiet Konventwali, fil-Belt). Ma nafux fil-fatt jekk marrux hemmhekk. Iżda fortunatament il-kunvent tal-Furjana ma ġarrabx ħsara.[10] Iżda l-kunvent tal-Kalkara, għalkemm vojt, ġarrab ħafna ħsara.[11]

Matul dan iż-żmien diffiċli, il-Kustodju Patri Ġużepp minn Ħaż-Żabbar, li kellu r-residenza tiegħu fil-kunvent ta' Santu Wistin fir-Rabat, talab lill-Ministru Ġeneral tal-Ordni biex jibqa' fil-kariga sakemm is-sitwazzjoni f'Malta tiġi lura għan-normal. Iżda b'digriet tal-Prokuratur u Kummissarju Ġenerali tal-1800, Patri Ġużepp Antonio Grimaldi ġie maħtur Kummissarju Ġenerali f'Malta.[12]

Il-Franċiżi ċedew fl-4 ta' Settembru 1800. B'hekk bdiet il-ħakma Ingliża u l-ħajja f'Malta reġgħet għan-normal. U b'hekk il-Kustodja Maltija tal-Franġiskani Kapuċċini kompliet tiffunzjona bħal qabel.

## Il-Pesta tal-1813

Bejn April 1813 u Jannar 1814 Malta ntlaqtet minn imxija tal-pesta li matulha mietu 'l fuq minn 4,500 bejn Maltin u Għawdxin.

Din l-imxija laqtet ukoll lill-Kustodja tal-Kapuċċini. F'Ġunju 1813 ġewwa l-kunvent tal-Furjana ntlaqat mill-marda tal-pesta u miet Patri Danjel,[13] waqt li kien jaqdi dmiru mal-morda fil-barrakka tal-injam imwaqqfa fil-foss ta' Putirjal. Miet ukoll Patri Feliċ mill-Belt Valletta fil-barrakka tal-Furjana fl-20 ta' Lulju tal-istess sena, meta kien qed jagħmilha ta' viċi kappillan. Mietu wkoll Patri Ġużepp minn Ħaż-Żabbar fil-5 ta' Settembru 1813 u Patri Samwel mill-Imdina, viċi kappillan fit-28 ta' Settembru 1813. Matul l-imxija tal-pesta (1813-1814) ħadmu wkoll Patri



Giovanni Evangelista mill-Belt, Patri Franġisku minn Ħaż-Żebbuġ u Patri Pietru Anton miż-Żejtun.[14]



## Fid-Dar tal-Industrija

Bejn Novembru 1824 u Jannar 1825 il-Gvern Kolonjali fetaħ Dar tal-Industrija fil-Furjana biex jgħin lill-foqra, u żewġ patrijiet Franġiskani Kapuċċini, fuq xewqa tal-gvern stess, inħatru bħala kappillani ta' din id-dar. Dawn kienu Patri Onorat u Patri Ġann Franġisk.[15]

## Il-Kolera tal-1837

Fis-sajf tal-1837 tfaċċat fostna l-imxija qerrieda tal-kolera, li qatlet 4,252 ruħ. Fuq talba tal-Isqof u l-Gvern, 13-il Kapuċċin ħadmu bis-sħiħ f'din l-epidemija wkoll f'diversi sptarijiet ta' emerġenza. Minn fost dawn it-tlettax miet Patri Manwel Spagnol, li kien jassisti l-milqutin tal-kolera u miet magħhom fl-isptar taż-Żejtun.[16]

## Minn Kustodja għal Provinċja (1840)

Fil-Kapitlu Provinċjali li sar fit-30 t'Awwissu 1839 ġie elett Kustodju Patri Pietru Pawl OFMCap mis-Siġġiewi. Sena wara, b'digriet tal-Ministru Ġenerali Patri Ewġenju ta' Rumilly, tas-27 t'Awwissu 1840, il-Kustodja Maltija saret Provinċja indipendenti.[17]



**Referenzi:**


1 *Arkivju Provinċjali Ordnijiet Franġiskani Kapuċċini*, il-Furjana, Malta, *Cronaca Delli R.R. P.Minori Capuccini di Malta*, pp. 399, 400, 401.
2 *Newsletter*, Provinċja Franġiskani Kapuċċini, Malta, Nru 55, Frar 2007, p. 4.
3 *F. Azzopardi Elective Chapters and Appointments of Provincial Superiors of the Capuchin Province of Malta* (1778-1992), p. 9.
4 C. Testa, *The French in Malta 1798-1800*, p. 122.
5 J. Garzia, *Il-Kapuċċini fil-Kalkara*, Malta, 2003, p. 139.
6 IBID.
7 J. Galea, *Storja tal-Knisja ta' San Mark u tal-Kunvent tal-Agostinjani tar-Rabat*, 1957, p. 87.
8 C. Bonavia, *Żabbar on the frontline against the French*, The Sunday Times, 20.IX.1998, p. 40.
9 Il-Librerija Nazzjonali, Malta, Treas. A. 157 (5) p. 33.
10 C. Testa, *op. cit.*, p. 367.
11 J. Garzla, *op. clt.*, pp. 140-142.
12 F. Azzopardi, *Elective Chapters, op. cit.*, pp. 10, 12.
13 The Philatelic Society (Malta), *The PSM Magazine*, Dec. 1989, Vol. 18, No. 3, p. 11.
14 F. Azzopardi, *Il-Kapuċċini Maltin fil-Mard tal-Pesta u tal-Kolera.*
15 A. V. Laferla, *British Malta*, Vol. I (Malta, 1946) p. 127, pp. 3-5, Arkivji Nazzjonali, Malta, CSG/04/8, *Letters to the Permanent 24.IX.1824*, p. 61, 5.1.1825, p. 215.
16 F. Azzopardi, *Il-Kapuċċini Maltin, op. cit.*, pp. 138-139.
17 F. Azzopardi, *Elective Chapters, op. cit.*, p. 25.



NOVELLA Emily Barbaro Sant

# Ittra mingħand Ġesù

Maħbubin tiegħi,

Kif tafu tajjeb, qed joqrob għeluq snini. Kull sena jsiru festi f'ġieħi, u naħseb li anke din is-sena jerġa' jkun hemm ukoll. F'dan iż-żmien ikunu ħafna li jixtru r-rigali, isiru ħafna avviżi fuq ir-radju u fuq it-televiżjoni, u f'kull parti tad-dinja kulħadd isemmi li wasal għeluq snini.

Hija ħaġa sabiħa ħafna li almenu darba fis-sena xi wħud jaħsbu fija. Kif tafu tajjeb, il-festi ta' għeluq snini bdew ħafna snin ilu. Fil-bidu n-nies kienu jifhmu u kienu grati għal dak kollu li jien għamilt għalihom, imma daż-żmien donnu ħadd ma jaf għalfejn qed isiru dawn il-festi. Il-familji u l-ħbieb jinġabru u jifirħu flimkien imma ma jafux it-tifsira vera ta' din iċ-ċelebrazzjoni.

Niftakar li s-sena l-oħra kien hemm festa kbira f'ġieħi. Il-mejda tal-ikel kienet mimlija b'ikel mill-aħjar, ħelu ta' kull xorta, frott, karawett u ċikkulata. It-tiżjin kien mill-aqwa u kien hemm kwantità kbira ta' rigali mgeżwrin sabiħ. Imma trid tkun taf xi ħaġa? Jiena ma kontx mistieden. Kont il-mistieden tal-unur u safrattant ma ftakrux jibagħtuli invit. Il-festa kienet għalija, imma meta l-jum il-kbir wasal tħallejt barra; għalquli l-bieb f'wiċċi... u tant kont nixtieq li naqsam il-mejda magħhom.

Fil-verità din ma kinitx sorpriża għalija, għax f'dawn l-aħħar snin ħafna kienu l-bibien li ngħalqu f'wiċċi. Billi ma kontx mistieden iddeċidejt li nidħol bil-mod, mingħajr ħoss, u bqajt f'rokna. Ilkoll kienu qed jixorbu, anzi kien hemm uħud li kienu fis-sakra, jgħidu ċ-ċajt u jidħqu b'kollox u b'kulħadd. Kienu qed jieħdu ħafna pjaċir. Biex tagħqad, raġel oħxon u m'ogħla hawn, liebes kollu aħmar b'baffi twila bajda, daħal fil-kamra jgħajjat *"ħo-ħo-ħo"*. Kien jidher fis-sakra wkoll. Intefa' bilqiegħda fuq is-sufan u t-tfal daru miegħu jsejħulu *"Santa Klaus, Santa Klaus"*, daqslikieku l-festa kienet f'ġieħu.

F'nofsillejl ilkoll bdew jitgħannqu. Jiena ħriġt dirgħajja, forsi xi ħadd jiftakar fija u jiġi jgħannaqni, imma ħadd ma resaq lejja. Imbagħad beda t-tqassim tar-rigali. Bdew jifthuhom wieħed wieħed, kulħadd bil-ħerqa jara x'qala'. Meta nfetħu kollha jiena ħarist biex nara baqax xi wieħed għalija. Imma ma kienx hemm.

X'kont tħoss inti kieku f'għeluq sninek tara lil kulħadd jagħti u jirċievi r-rigali u inti bqajt b'xejn? Dak il-ħin jiena fhimt li ma kontx mixtieq f'din il-festa, u tlaqt 'il barra bil-kwiet kollu.

Kull sena s-sitwazzjoni tkun agħar minn ta' qabel. In-nies tiftakar biss fl-ikel u x-xorb, fir-rigali, fil-festi, u ħadd ma jiftakar fija.

Jiena nixtieq li f'dan il-Milied inti tħallini nkun parti minn ħajtek. Nixtieqek tiftakar li kważi elfejn sena ilu jiena twelidt biex tajt ħajti għalik, fuq is-salib, biex nifdik. Illum nixtieq biss li inti temmen dan b'qalbek kollha.

Issa rrid naqsam xi ħaġa miegħek. Billi ħafna ma stednunix għall-festa tagħhom, ser nagħmel waħda mill-akbar jiena. Għadni qed nagħmel l-arranġamenti tal-aħħar. Illum ser nibgħat l-inviti u hemm wieħed għalik. Irrid inkun naf intix biħsiebek tiġi, halli nkun nista' nirriservalek post u nikteb ismek bid-deheb, fil-ktieb tal-mistednin tiegħi. Dawk biss li jkunu miktubin fuq il-lista jistgħu jiġu għall-festa. Dawk li ma jirrispondux għall-istedina tiegħi jitħallew barra.

Kun ippreparat biex meta jkolli kollox lest tkun fost il-mistednin tiegħi.

Narak ma ndumx. Inħobbok.

*Ġesù*



AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA Fr Publius Mair OFMCap Segretarju Provinċjali






# MID-DJARJU TAL-KAPUĊĊINI MALTIN

## Anniversarji ta' Aħwa Franġiskani Minuri Kapuċċini ċċelebrati matul is-sena 2015

*Matul is-sena 2015, li waslet biex tintemm, diversi Aħwa Franġiskani Minuri Kapuċċini fil-Provinċja tagħna ċċelebraw xi anniversarju speċjali. Aħna nfittxu li nfakkru l-25 u l-50 sena mill-Professjoni Temporanja, mill-Professjoni Perpetwa u mill-Ordinazzjoni Presbiterali. Dan nagħmluh sabiex kemm l-individwu konċernat kif ukoll l-Aħwa kollha tal-Provinċja nroddu ħajr lil Alla għar-rigal li jkun qed jagħtina, magħqud ma' dik iċ-ċelebrazzjoni.*

*Għalhekk nixtiequ li intom ukoll, għeżież qarrejja u benefatturi tagħna, tingħaqdu magħna f'dan ir-radd ta' ħajr lil Alla u fl-istess waqt nifirħu lil kull wieħed minn dawn l-Aħwa u nawgurawlhom għall-futur.*

### L-Aħwa Kapuċċini Maltin li qed jiċċelebraw huma:

- **50 SENA MILL-ORDINAZZJONI PRESBITERALI.** Huna Spiru Galea (missjunarju f'Hola, il-Kenja)
- **25 SENA MILL-ORDINAZZJONI PRESBITERALI.** Huna Jesmond Micallef (missjunarju fil-Greċja)
- **50 SENA MILL-PROFESSJONI TEMPORANJA.** Huna Publius Libreri (Ekonomu tal-Fraternità, il-Furjana). Huna Leonardu Falzon (Kappillan tal-parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa); Huna Karm Dimech (Viċi Kappillan tal-parroċċa ta' Marija ta' Lourdes, San Ġwann); Huna Anton Briffa (Surmast tal-mużika u Maestro di Cappella, il-Furjana); Huna Publius Mair (Gwardjan tal-Fraternità, il-Furjana, u Segretarju Provinċjali); Huna Joe Galea (missjunarju f'Hola, il-Kenja)
- **25 SENA MILL-PROFESSJONI PERPETWA.** Huna Paul Bugeja (Gwardjan tal-Fraternità, San Ġwann); Huna Martin Mamo (Viċi Kappillan fil-FKK, Ċerimonier tal-Fraternità ta' Sant'Antnin, Għajn Dwieli); Huna Jesmond Ciantar (Ċerimonier tal-Abbatini, Ekonomu tal-Fraternità tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa)
- **25 SENA MILL-PROFESSJONI TEMPORANJA.** Huna Franco Fenech (Kappillan fil-FKK, mill-Fraternità tal-parroċċa ta' Marija Reġina, il-Marsa).

## Huna Patri Spiru Galea: 50 Sena Presbiteru

Is-Sibt 29 ta' Awwissu 2015, Huna Spiru Galea, missjunarju f'Hola, il-Kenja, iċċelebra l-50 Sena mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu permezz ta' quddiesa konċelebrata mmexxija minnu stess fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja fir-Rabat, Għawdex.







*Fr Philip flimkien mal-Provincjal tal-Eritreja*

Fost il-konċelebranti li ngħaqdu miegħu kien hemm Mons. Pawlu Darmanin u Mons. Joseph Alessandro, li nzertaw kienu qegħdin Malta, flimkien mal-Ministru Provinċjal Ħuna Martin Micallef, mal-Gwardjan Ħuna Joseph Libreri u l-fraternità ta' Għawdex. Ħuna Diegu Theuma għamel il-prietka tal-okkażjoni, li fiha tkellem fuq id-don tas-saċerdozju fil-Knisja flimkien mal-grazzja tas-sejħa missjunarja li Ħuna Spiru ħaddan għal kważi 45 sena.

Ningħaqdu mal-ferħ ta' dan Ħuna filwaqt li nixtiqulu aktar saħħa sabiex ikompli jaħdem fl-għalqa tal-Mulej.

## Ħuna Philip Cutajar f'laqgħa tal-Ordni fi Frascati

Bl-ittra tiegħu, li ġġib id-data tal-15 ta' Settembru 2015, il-Ministru Ġeneral Br Mauro Johri sejjaħ, kif sejħilha hu, laqgħa urġenti bil-għan li jiġi ttrattat il-fenomenu tal-emigrazzjoni lejn l-Ewropa, li minn jum għal ieħor qed dejjem tiżdied. Din il-laqgħa saret bejn nhar il-Hamis 15 u nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2015, ġewwa d-Dar tagħna fi Frascati. Minn Malta għal din il-laqgħa ħa sehem Ħuna Philip Cutajar, bħala responsabbli mill-Uffiċċju tas-Segretarjat tal-Missjoni, u li ma' dan l-uffiċċju hemm ukoll magħquda din il-pastorali, li qed isseħħ ma' diversi emigranti li qed jersqu lejna għall-għajnuna tagħna.

Għal-laqgħa li saret fi Frascati u li kienet immexxija minn Ħuna l-Ministru Ġeneral u animata minn Ħuna Benedict Ayode (Kapuċċin mill-Kenja), residenti fil-Kurja Ġenerali, responsabbli mill-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi, attendew 35 Aħwa Kapuċċini ġejjin mill-Ewropa, speċjalment minn dawk il-pajjiżi milquta mid-dħul tal-immigranti irregolari. Ma' dawn kienu wkoll mistiedna Aħwa Kapuċċini ġejjin mill-Eritrea, mit-Turkija u mil-Libanu.

Ħuna Philip ippreżenta rapport fejn fisser is-sitwazzjoni preżenti f'Malta f'relazzjoni mal-eluf ta' immigranti li għandna f'pajjiżna, u wkoll x'aħna nagħmlu u x'biħsiebna nagħmlu 'l quddiem sabiex ngħinu lil dawn ħutna fil-bżonn. Il-programm li għandna u li



qed inwettqu ġie ferm apprezzat, tant li mill-Kummissjoni Solidarjetà tal-Kurja Ġenerali ġie deċiż li tingħatalna għajnuna finanzjarja.

Nixtiequ nawguraw lill-Uffiċċju tal-Missjoni li qed ikompli jifrex il-ħidma tiegħu ma' dawn li minflok ma qed immorru aħna għandhom bħala missjunarji, qegħdin jiġu huma u qegħdin jitolbu kull tip ta' għajnuna. Nawguraw lil Huna Philip sabiex ikompli jtejjeb u jorganizza din il-pastorali, li hu wieħed 'mis-sinjali taż-żminijiet preżenti' u li għaliha kien ta bidu l-mibki Huna Krispin Tabone.

## Huna Hayden Williams preżenti fil-Kunsill Plenarju tal-Ordni Kapuċċin



*Il-Grazzja tax-Xogħol* hija t-tema tat-8 Kunsill Plenarju tal-Ordni tal-Aħwa Minuri Kapuċċini, li sar bejn is-26 t'Ottubru u d-19 ta' Novembru 2015 fil-Kulleġġ Internazzjonali San Lawrenz ta' Brindisi, Ruma. F'dawn il-laqgħat il-Ministru Ġenerali, Mauro Jöhri, ħass il-ħtieġa li jlaqqa' rappreżentanza tal-Ordni Kapuċċin (43 patri) mid-dinja kollha biex flimkien jitolbu u jirriflettu fuq id-dimensjoni tax-xogħol fil-ħajja Kapuċċina. Fr Hayden Williams OFMCap ħa sehem bħala rappreżentant Ewropew għal-lingwa Ingliża.

L-għan tal-ewwel parti ta' dawn il-laqgħat kien li l-parteċipanti jifformaw viżjoni attwali tax-xogħol bil-għajnuna ta' kelliema ġejjin minn diversi nħawi tad-dinja, u li huma mħarrġa f'aspetti differenti fil-qasam tax-xogħol: soċjoloġija, teknoloġija, Bibbja, tagħlim tal-Knisja, evanġelizzazzjoni, Franġiskaniżmu u tradizzjoni Kapuċċina. Kien hemm ukoll xi patrijiet li qasmu l-esperjenza tal-ħidma tagħhom fl-artijiet tal-missjoni, fil-ħabs, fl-evanġelizzazzjoni u fil-qasam tal-ġustizzja, paċi u integrazzjoni tal-ħolqien. Ir-riflessjonijiet intemmu b'ġurnata rtir.

Il-laqgħat komplew billi l-parteċipanti nqasmu f'erba' gruppi u flimkien ressqu rakkomandazzjonijiet lill-Ministru Ġeneral biex jgħinuh fit-tmexxija tal-Ordni fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-lum. Wieħed jista' jsegwi d-dinamika kollha ta' dan il-konċilju plenarju fuq is-sit elettroniku tal-Ordni: http://www.ofmcap.org/en/viii-cpo

Filwaqt li nifirħu lil Huna Hayden għal din l-esperjenza li kellu f'Ruma, issa nawgurawlu li dak kollu li rċieva jaqsmu magħna l-Aħwa Kapuċċini f'Malta u mal-bqija tan-nies li jaħdmu magħna, billi flimkien inkomplu niskopru l-valur tax-xogħol skont l-identità spiritwali Franġiskana.

## Tifkira tal-Mejtin fl-Addolorata

Nhar it-Tlieta 17 ta' Novembru 2015, festa ta' Santa Eliżabetta tal-Ungerija, Patruna tal-O.F.S., saret il-laqgħa annwali fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata, f'Raħal Ġdid. Fid-9.30 ta' filgħodu diversi Aħwa Kapuċċini flimkien ma' għadd ta' membri tal-Ordni Franġiskan tas-Sekulari, familjari, ħbieb u benefatturi ltqajna fid-daħla prinċipali taċ-ċimiterju u minn hemm imxejna flimkien lejn il-kappella. Matul it-triq ingħad ir-rużarju.

Fl-10.00 ngħata bidu għall-quddiesa konċelebrata mmexxija minn Huna Martin Micallef, Ministru Provinċjal. Waqt l-omelija huwa tkellem dwar Ġesù Kristu bħala l-Mulej tal-Hajja, ippreżenta wkoll il-fidi li Marija,



oħt Marta u Lazzru, uriet fi Kristu li huwa l-Qawmien u l-Hajja tagħna. Tkellem ukoll dwar it-tifsira tal-qawmien ta' Lazzru għall-ħajja tagħna ta' kuljum.

Hekk kif il-quddiesa ġiet fit-tmiem tagħha lkoll flimkien imxejna f'korteo lejn l-oqbra tal-Aħwa Kapuċċini mejtin, fejn hemm sar talb ta' suffraġju flimkien mat-tberik tal-istess oqbra.

### Bażar b'risq il-Missjoni

Bejn nhar il-Hadd 15 u l-Hadd 22 ta' Novembru, il-Grupp Familji Franġiskani tal-Furjana organizza l-bażar annwali b'risq il-missjoni tagħna l-Kapuċċini fil-Kenja. Dan il-bażar kien frott ta' ħidma impenjattiva li saret matul is-sena, fejn inġabru diversi oġġetti siewja li setgħu jinbiegħu. Kien hemm tassew varjetà ta' oġġetti li żgur li kull min ġie sab x'jixtri u b'hekk kien qed jgħin il-ħidma missjunarja li qed issir, speċjalment mal-foqra u l-morda fil-Kenja.



Il-GFF jixtieq irodd ħajr lil kull min matul is-sena bagħat xi oġġetti tajbin għall-bażar. Jixtieq ukoll irodd ħajr lil dawk, speċjalment fil-knejjes u l-kunventi tagħna l-Kapuċċini, li offrew diversi oġġetti, fosthom laned ta' ikel ippreservat. Grazzi ferm lil dawk kollha li ġew u ħarġu mgħobbija mhux daqstant bl-affarijiet li xtraw imma wkoll bil-merti quddiem Alla għall-għajnuna li taw bil-flus li ħallew, li kollha sejrin imorru għall-missjoni.




| | |
|---|---|
| Id-Data: | **Il-Hamis 26 ta' Novembru 2015** |
| Il-Post: | Il-Knisja tas-Salib Imqaddes, il-Furjana |
| Il-Hin: | Mill-4.00 p.m. sal-5.00 p.m. |
| Iċ-Ċelebrant: | Fr Hector Scerri, Kap tad-Dipartiment tat-Teoloġija Dommatika, l-Università ta' Malta |
| Il-Predikatur: | Fr Martin Micallef OFMCap |
| It-Tema: | L-Evanġelju tal-Ewwel Hadd tal-Avvent |

| | |
|---|---|
| Id-Data: | **Il-Hamis 3 ta' Diċembru 2015** |
| Il-Post: | Il-Knisja tas-Salib Imqaddes, il-Furjana |
| Il-Hin: | Mill-4.00 p.m. sal-5.00 p.m. |
| Iċ-Ċelebrant: | Fr Emanuel Agius, Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta |
| Il-Predikatur: | Fr Martin Micallef OFMCap |
| It-Tema: | L-Evanġelju tat-Tieni Hadd tal-Avvent |

| | |
|---|---|
| Id-Data: | **Il-Hamis 10 ta' Diċembru 2015** |
| Il-Post: | Il-Knisja tas-Salib Imqaddes, il-Furjana |
| Il-Hin: | Mill-4.00 p.m. sal-5.00 p.m. |
| Iċ-Ċelebrant: | Mons. Joe Galea Curmi, Vigarju Ġenerall |
| Il-Predikatur: | Fr Martin Micallef OFMCap |
| It-Tema: | L-Evanġelju tat-Tielet Hadd tal-Avvent |

| | |
|---|---|
| Id-Data: | **Il-Hamis 17 ta' Diċembru 2015** |
| Il-Post: | Il-Knisja tas-Salib Imqaddes, il-Furjana |
| Il-Hin: | Mill-4.00 p.m. sal-5.00 p.m. |
| Iċ-Ċelebrant: | Fr Pio Murat OFMCap, Kunsillier Ġenerali tal-Kapuċċini |
| Il-Predikatur: | Fr Martin Micallef OFMCap |
| It-Tema: | L-Evanġelju tar-Raba' Hadd tal-Avvent |

# Werrej 2015

## F'ordni alfabetiku tas-suġġett

**BIBBJA**

**(Mons. Lawrenz Sciberras)**

Ir-Razza tas-Sultan David (it-2 Parti) ..... Jannar 6-7
Id-Dar ta' David (it-3 Parti) ..... Frar 6-7
Id-Dar ta' David (ir-4 Parti) ..... Marzu 6-7
Id-Dar ta' David (il-5 Parti) ..... April 6
Is-Sultan Għani Salamun (l-1 Parti) ..... Awwissu-Settembru 8-9
Is-Sultan Għani Salamun (it-2 Parti) ..... Novembru 12-13

**Fr Charles Buttigieg**

Il-Glorja tas-Salib (l-1 Parti) ..... Marzu 18-19
Il-Glorja tas-Salib (it-2 Parti) ..... April 18-19

**P. Donat Spiteri**

Tifsir tal-Parabboli ..... Mejju 13

**EDITORJAL**

**(Fr Philip Cutajar OFMCap)**

Festa tal-Familja Mqaddsa ..... Jannar 3-4
Ibqa' Magħna, Pawl! ..... Frar 3-4
Ir-Randan. Infiqu mill-mard tagħna ..... Marzu 3-4
Qed ngħixu fi żmien ta' żvalutazzjoni ..... April 3-4
San Franġisk u l-Musulmani ..... Mejju 3-4
Uff xi dwejjaq! Uff xi pjaċir! ..... Ġunju-Lulju 3-4
Laudato Si' ..... Awwissu-Settembru 3-4
Ħu f'idejk u aqra... xtarr... aġixxi ..... Ottubru 3-4
B'ħajr u tama nIċċelebraw ..... Novembru 3-4
Żmien li nagħtu... Żmien li nirċievu ..... Diċembru 3-4

**FRANĠISKANIŻMU**

**(Fr Ivan Scicluna OFMCap)**

Esperjenza Itineranti (Birżebbuġa) ..... Jannar 20-21
San Franġisk Jivvinta Litanija *a modo suo*! ..... April 20-21
Tgħid San Franġisk ġie influwenzat mill-Musulmani? ..... Awwissu-Settembru 12-13
Kappuċċini *on the road* ..... Diċembru 10 - 12

**(Fr Philip Cutajar OFMCap)**

Sejba ta' Manuskritt ġdid dwar San Franġisk ..... Ġunju-Lulju 21
Għeluq il-mitejn sena ta' Terzjarju Franġiskan ..... Novembru 24-25

**Ġi.Fra (ŻGĦAŻAGĦ FRANĠISKANI)**

Sena Ġdida ..... Jannar 22-23
Randan Differenti ..... Marzu 30
Il-Għid fil-Ħajja Tiegħi ..... April 5
Ix-Xahar ta' Mejju ..... Mejju 30
Esperjenza Missjunarja fil-Kenja ..... Novembru 5
It-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu ..... Diċembru 5

**ĦAJJA KONSAGRATA**

**(P. Silvestru Bonavia OFMCap)**

**Riflessjonijiet Għas-Sena tal-Ħajja Konsagrata**

Sena tal-Ħajja Konsagrata ..... Jannar 23
Ma nħallux l-inbid isir ħall ..... Frar 4
Inwasslu lil Ġesù fid-dinja ..... Marzu 23
Nieħdu s-sejħa tagħna bis-serjetà ..... April 25
Ġesù ċ-Ċentru ta' Ħajjitna ..... Mejju 4
L-Eżodu li jispira lil Ħajjitna Konsagrata ..... Ġunju-Lulju 20
Ħarsa ta' Mħabba ..... Awwissu-Settembru 4

**(Fr Karm Delia SJ)**

Il-Kunsill Evanġeliku tal-Kastità (l-1 Parti) ..... Frar 10-11
Il-Kunsill Evanġeliku tal-Kastità (it-2 Parti) ..... Marzu 10-11
Il-Ħajja Reliġjuża: Il-Komunità ..... Ġunju-Lulju 6-7
L-Ubbidjenza ..... Awwissu-Settembru 5-7

## KAPUĊĊINI – PROVINĊJA MALTIJA


### AĦBARIJIET
**(Fr Publius Mair OFMCap – Segretarju Provinċjali)**

Ċelebrazzjonijiet tal-40 Sena tal-Preżenza tal-Kapuċċini fil-Kenja
Ħuna Martin Micallef, Min. Prov. Preżenti fil-Kenja ..... Jannar 29
Djaknu Ġdid – Bertrand Vella ..... Jannar 30
Suret il-Bniedem – 15-il Sena Mwaqqfa ..... Jannar 30
Il-Kapuċċini ġewwa Fatima ..... Frar 28
Laqgħa tal-Milied 2014 ..... Frar 29
Servizz Ekumeniku tal-Kapuċċini tal-Furjana ..... Marzu 26
*Live-In* tal-Gwardjani Kapuċċini f'Għawdex ..... Marzu 27
Maratona b'risq il-Missjoni ..... Marzu 28
Kurja Ġenerali – *House of Life* ..... April 30
Il-Provinċjal Iżur lin-Novizz Ryan ..... Mejju 28
Laqgħa tal-Kappillani tal-Ħabs ..... Mejju 28
Kapuċċini Missjunarji Maltin f'pubblikazzjoni lokali ..... Mejju 28
GFF flimkien fir-Randan ..... Mejju 29
Jum ta' Ferħ – Professjoni Perpetwa ..... Ġunju-Lulju 12-13
L-Isqfijiet Maltin tal-Kenja f'Malta ..... Ġunju-Lulju 28
Żjara mingħand l-Arċisqof Charles J. Scicluna ..... Ġunju-Lulju 29
Laqgħa Għas-Segretarji tal-Missjoni ..... Awwissu-Settembru 28
Żewġ Anniversarji: Kustodja u Provinċja Ministeru tal-Lettorat – 22 Beatu Ġdid L-Arċisqof fil-Kunvent tal-Furjana – Professjoni Temporanja Br Ryan Dalli ..... Novembru 28-30
Anniversarji ta' Aħwa Franġiskani Minuri Patri Spiru Galea – Philip Cutajar – Għeluq tal-50 sena parroċċa– Hayden Williams – Tifkira tal-mejtin fl-Addolorata– Bażar b'risq il-Missjoni ..... Diċembru 24-26

**(Fr Philip Cutajar OFMCap)**

Jum ta' Ferħ = Professjoni Perpetwa ..... Ġunju-Lulju 12-13
Jum il-Missjoni tal-Kapuċċini ..... Awwissu-Settembru 29
P. Remiġ Galea – Ġieħ Ta' Sannat ..... Awwissu-Settembru 29
Boroż ta' Studju mogħtija minn Għawdex ..... Awwissu-Settembru 30

### STORJA
**(Winston L. Zammit)**

Il-Franġiskani Kapuċċini f'Malta (1880-1889) (10) (l-1 Parti) ..... Jannar 18-19
Il-Franġiskani Kapuċċini f'Malta (1880-1889) (11) (it-2 Parti) ..... Frar 14-15
Il-Franġiskani Kapuċċini f'Malta (1880-1889) (12) (it-3 Parti) ..... Marzu 14-15
175 Sena Bħala Provinċja (13) ..... Novembru 6-9
Il-Kustodja tal-Kapuċċini f'Malta (14) ..... Diċembru 20-22

### KAPPELLI FDATI F'IDEJN IL-KAPUĊĊINI
**(Max Farrugia)**

Il-Kappella ta' San Martin – Il-Wardija ..... Frar 18-20
San Ġwann isir Parroċċa ..... Novembru 20-21

### ESPERJENZI
**(Fr Bertrand Vella OFMCap)**

Iltqajt mal-Papa Franġisku ..... April 7

### QADDISIN KAPUĊĊINI MALTIN
**(Fr Joe Libreri OFMCap)**

Fra Krispin u Fra Baskal ..... Mejju 20-21
Baskal Fra Ferħan – Omelija ta' Mons. Grech ..... Awwissu-Settembru 26-27

### KNISJA
**(Fr Silvestru Bonavia OFMCap)**
**Knisja, Ħajja ta' Ħidma u Aħbarijiet**

"Lejn Komunjoni" ..... Jannar 16-17
Ekumeniżmu... għaqda fid-diversità ..... Frar 16-17
Miftuħin għall-Ispirtu ..... Marzu 16-17
Ir-Riforma Pastorali tal-Kurja Rumana ..... April 16-17
Ġublew Qaddis tal-Ħniena t'Alla ..... Mejju 16-17

Il-Movimenti u Gruppi Ekkleżjali ..... Ġunju-Lulju 16-17
Enċiklika b'valur kbir ..... Awwissu-Settembru 16-17
Il-Knisja kif jixtieq il-Papa Franġisku:*Djalogu – * Sinodu – * Ġublew ..... Novembru 16-17
50 sena ta' ħidma Sinodali... il-Familja, iċ-Ċina u l-Afrika ..... Diċembru 16-18

**(Emily Barbaro Sant)**
Papiet ta' Żmienna ..... Jannar 5

**(Jude Muscat)**
Sehem il-Lajċi fil-Knisja (6) ..... Frar 8-9

## KULTURA

**(Mario Azzopardi)**
Epistoli mid-Deżert ..... Jannar 25

**(Joseph C. Camilleri)**
Il-Palazz ta' San Anton (10) (l-1 Parti) ..... Frar 21
Il-Palazz ta' San Anton (11) (it-2 Parti) ..... Marzu 20-21
Il-Milied ..... Diċembru 14-15

**(Francesco Pio Attard)**
L-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex ..... April 22-24

**(Il-Kav. Joe M. Attard)**
Gozo-Malta Connection ..... Ġunju-Lulju 24-25

## KULTURA – RELIĠJON U FESTI

**(Mario Saliba)**
San Blas – 3 ta' Frar ..... Frar 22-23

**(Il-Kav. Joe M. Attard)**
Novembru: Niftakru fil-mejtin tagħna ..... Novembru 22-23

## MISSJONI

**(Fr Joe Grixti OFMCap)**
Esperjenza Missjunarja ..... Jannar 24-25

**(Fr Philip Cutajar OFMCap)**

## 40 SENA TA' PREŻENZA FIL-KENJA INTERVISTA:

Ma' Br. John Cassar OFMCap ..... Jannar 26-27
Ma' Fr Joe Libreri OFMCap ..... Frar 24 – 25
Ma' Fr Joe Grixti OFMCap ..... Marzu 24-25
Ma' Fr Publius Mair OFMCap ..... April 26-27
Ma' Fr Silvestru Bonavia OFMCap (l-1 Parti) ..... Mejju 22-23
Ma' Fr Silvestru Bonavia OFMCap (it-2 Parti) ..... Ġunju-Lulju 22-23

## HIDMIET

**(Fr Philip Cutajar OFMCap)**
Laqgħa tal-Milied – Lotterija tal-Missjoni ..... Frar 30
Maratona b'risq il-Missjoni ..... Marzu 28
Mill-Hajja u l-Hidma Missjunarja fil-Kenja (l-1 Parti) ..... Mejju 26-27
Mill-Hajja u l-Hidma Missjunarja fil-Kenja (it-2 Parti) ..... Ġunju-Lulju 26-27
Il-Papa Franġisku ma' Hutna l-Isqfijiet ..... Awwissu-Settembru 14-15

**(Fr Hilary Abela OFMCap)**
L-Għaġna tan-Nazzjon ..... April 28-29

## ITTRI MILL-MISSJONI

**(L-Isqof Mons. Joe Alessandro OFMCap)**
Mons. Joe Alessandro f'laqgħa mal-Papa ..... Jannar 28
Hajr lis-Sur Andrew Borg ..... Mejju 24
Il-Martri ta' Garissa ..... Awwissu-Settembru 22-23

**(Fr Hilary Abela OFMCap)**
Grazzi lill-Benefatturi kollha ..... Mejju 25

**(Edward Pentin)**
The Bishop who risks Martyrdom ..... Awwissu-Settembru 24-25

## MILL-ISKOLA TA' PATRI PIJU

**(Fr Joe Buttigieg OFMCap)**
Il-Kunventi Kapuċċini Mbierka bil-Preżenza ta' San Patri Piju: Marcone ..... Jannar 14-15
Sant'Elia a Pianisi ..... Frar 12-13
Campobasso ..... Marzu 12-13
Serracapriola ..... April 12-13
San Marco La Catola ..... Mejju 18-19
Montefusco ..... Ġunju-Lulju 14-15
Gesualdo ..... Awwissu-Settembru 20-21
Venafro ..... Novembru 14-15
Foggia – Sant'Anna ..... Diċembru 8-9

**NOVELLI**
**(Lina Brockdorff OFS)**
Kellu idu nieqsa ........ Frar 26-27
Lura Malta għall-Għid il-Kbir ........ April 14-15
Min għadu jemmen fil-fatati? .. Ġunju-Lulju 8-9
**(John Caruana)**
Fra Baskal
fin-Novelli (8) ........ Ġunju-Lulju 10-11
**(Emily Barbaro Sant)**
Ittra mingħand Ġesù ........ Diċembru 23

**PASTORALI TAL-FAMILJA**
**(Nikol Baldacchino)**
Niskopru lil Alla permezz
tal-Familja (5) ........ Jannar 8-9
Qaddisin Mudelli għall-Miżżewġin .... Mejju 6-7
**(Fr Joseph Mizzi)**
Knisja f'Dixxerniment ........ Jannar 10-11
Direttorju tal-Moviment ta' Kana ... April 10-11
Il-Futur tal-Umanità Jgħaddi
Permezz tal-Familja ........ Mejju 10-11
Il-Pilastri tal-Familja ........ Novembru 26-27
**(Dun Pawl Camilleri)**
Il-Familja skont l-Evanġelju (6)
"... il-bniedem għaqli li bena
daru fuq il-blat" ........ Frar 5
Il-Familja skont l-Evanġelju (7)
"Dak li għaqqad Alla m'għandux jifirdu
l-Bniedem" (8) ........ Mejju 5

**PASTORALI TAS-SAHHA**
**(Fr Mario Attard OFMCap)**
Biżżejjed dik it-Tbissima! ........ Jannar 12-13
Patri! X'kien fih dak iż-żejt? ........ Marzu 29
Patri! Aħna hekk nibdew il-ġurnata .. Mejju 8-9
Father... Ha nibda
l-kimo! ........ Awwissu-Settembru 10-11
Kont għamiltli darba! ........ Novembru 10-11
Il-Ġublew Straordinarju tal-Hniena ta' Alla
(l-Ewwel Parti) ........ Diċembru 6-7

**POEŻIJA**
**(Paul Bonnici)**
Konverżjoni! ........ Jannar 13
**(Il-Kav. Joe M. Attard)**
F'Jum San Valentinu ........ Frar 20
F'dan iż-żmien qaddis! ........ Marzu 5
Id-Duluri ta' Marija ........ Marzu 19
Hodie Christus Natus Est ........ Diċembru 13

**(Lawrence Attard)**
Dawl Fuq ix-Xefaq ........ April 19
**(Charmaine Tanti M.A.)**
L-Irxoxt ........ April 25
L-Arċisqof il-Ġdid ........ Ġunju-Lulju 25
**(Fr Richard Bonnici OFMCap)**
Mat-Tbissima ........ Awwissu-Settembru 9

**PSIKOLOĠIJA**
**Kellimni.com**
Jiena Introvert? ........ Novembru 19

**QADDISIN MUDELLI**
**(Fr Martin Mamo OFMCap)**
Il-Ħajja ta' San Ġużepp (l-1 Parti) .... Marzu 8-9
Il-Ħajja ta' San Ġużepp (it-2 Parti) ...... April 8-9
**(Philip Said)**
Il-Paternità ta' San Ġużepp
(l-1 Parti) ........ Ġunju-Lulju 18-19
Il-Paternità ta' San Ġużepp
(it-2 Parti) ........ Awwissu-Settembru 18-19

**RIĊENSJONI**
**(Francesco Pio Attard)**
Madre Margerita
tal-Qalb ta' Ġesù ........ Ġunju-Lulju 4

**RIFLESSJONIJIET**
**(Joe Farrugia)**
X'għandu jiġi l-ewwel ........ Mejju 14-15

**SPIRITWALITÀ**
**(Fr Philip Cutajar OFMCap)**
Eżami għal Żmien ir-Randan ........ Marzu 22-23

**KOMPETIZZJONI U TISLIBA**
**(Fr Wistin Attard OFMCap)**
Rokna Għat-Tfal
– Kull Xahar ........ Jannar-Novembru 31
Tisliba – Kull Xahar ........ Jannar-Novembru 31




# Għajnuna għall-Missjoni
# Kif? B'liema Mod? Kemm?

## 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

**L-ewwel u qabel kollox offri t-talb u s-sagrifiċċji tiegħek għall-ħtiġijiet spiritwali tal-missjunarji.**

**1 BORŻA TA' STUDJU** sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €580.

**2 IBAGħTULNA BOLOL U *TELECARDS* UŻATI...** Naċċettaw kull tip ta' bolol u *telecards* użati. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI. Kull kilo bolol użati aħna nbigħuh b'5 ewro għall-missjoni.

**3 NAPPREZZAW LI TIBAGħTULNA RĊEVUTI TAL-VAT** sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni.

**4 BAŻAR B'RISQ IL-MISSJONI.** Miftuħ kuljum mit-Tnejn sas-Sibt bejn id-9.00 u l-11.30am u bejn l-4.30 u s-7.30pm. Ejjew ixtru u b'hekk tkunu qed tgħinu l-missjoni.

**5 NAPPREZZAW LI TIBAGħTULNA KULL OĠĠETT LI NISTGħU NBIGħU FIL-BAŻAR GħALL-MISSJONI** minbarra lbies (*clothes*) u żraben użati.

**6** Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGħEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGħEK.** Għandna bżonn: Bormla; Il-Qawra; San Ġiljan; Paola; Santa Luċija.

**7 INTENZJONIJIET GħALL-QUDDIES.** Meta tagħtu flus biex isir quddies fil-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

**8** Meta tiġi biex tagħmel it-testment, wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI THALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**



*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:*
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**

**Telefown:** 2123 3874 2123 4949
2122 5525

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com